Vol 46
Nru 229
Lulju - Settembru 2025

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2025

comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*Il-Knisja tal-ewwel miraklu*
*ta' Kana*

# Werrej



6



16



21



27


6 Kana u Natanjel Minn Kana tal-Galilija

16 L-Apokalissi (8)

21 It-Tielet Isaija u l-Belt ta' Ġerusalemm

27 Storja tal-Poplu Magħżul

38 It-Tempju u l-Figura ta' Ġesù fl-Evanġelju skont San Ġwann




38

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## KUSTODJU TAL-ART IMQADDSA ĠDID

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandha Kustodju ġdid fil-persuna ta' Patri Francesco Ielpo OFM, li ġie maħtur Kustodju uffiċjalment fl-24 ta' Ġunju 2024 b'digriet tal-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan Patri Massimo Fusarelli OFM, u wara l-konferma tal-Papa Leone XIV permezz tad-Dikasteru tal-Knejjes Orjentali u tas-Segreterija tal-iStat tal-Vatikan. Patri Francesco qed jieħu t-tmexxija tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa wara Patri Francesco Patton OFM, li kien ilu Kustodju għal dawn l-aħħar 9 snin, mill-2016.

Patri Francesco twieled f'Lauria, Provinċja ta' Potenza, l-Italja, fit-18 ta' Mejju 1970. Wara li daħal fl-Ordni Franġiskan fil-Provinċja ta' Milan għamel il-Professjoni Solenni fl-1998 u fis-sena 2000 ġie ordnat saċerdot. Il-ministeru saċerdotali tiegħu qdieh l-ewwel bħala Rettur tal-Istitut Franġiskan ta' Luzzago fi Brescia. Ħadem l-aktar fil-kamp edukattiv, hekk li bejn l-2006 u l-2010 kien membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Federazione Istituti di Attività Educative. Mill-2007 sal-2010 kien Definitur tal-Provinċja ta' Milan. Bejn l-2010 u l-2013 kien kappillan tal-parroċċa Franġiskana ta' Sant'Antnin ta' Padova ġo Varese.

Il-kuntatti tiegħu mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa bdew fl-2013, meta ġie maħtur Kummissarju tal-Art Imqaddsa tal-Provinċja ta' Milan. Meta din il-



*P. Francesco Ielpo, Kustodju tal-Art Imqaddsa.*
*© www.custodia.org*

Provinċja ngħaqdet ma' ħames provinċji oħrajn Franġiskani biex ġiet iffurmata l-Provinċja Franġiskana tan-Nord Italia fl-2016, Patri Francesco Ielpo kompla bħala Kummissarju tal-Provinċja l-ġdida sal-2023. Kien f'dawn is-snin li Patri Francesco kien spiss jorganizza pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, u kien minn ta' quddiem fl-idejat innovattivi li jispeċjalizza l-gruppi tal-pellegrinaġġi billi nkluda gruppi speċjali ta' familji bit-tfal u gruppi ta' żgħażagħ. Mill-2014 hu kien membru tal-Kunsill direttiv tal-Associazione *Pro Terra Sancta*, li hi l-organu li jiġbor fondi fl-Italja għall-missjoni fl-Art Imqaddsa.

Fis-sena 2022 Patri Francesco Ielpo intbagħat mill-Ministru Ġeneral bħala Delegat u Viżitatur Ġenerali fil-Provinċji Franġiskani tal-Campania, Basilicata u Calabria, bl-iskop li huma wkoll jingħaqdu fi Provinċja waħda. Fl-istess żmien Patri Francesco ngħaqad formalment mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u ntbagħat bħala Delegat tal-Kustodju fid-Delegazione di Terra Santa f'Ruma, fejn laħqitu n-nomina ta' Kustodju tal-Art Imqaddsa ftit xhur ilu.

Patri Francesco Ielpo kien ġie Malta fl-okkażjoni tal-Kungress tal-Kummissarji tal-Lingwa Taljana u jaf personalment diversi patrijiet Maltin li jaħdmu b'riżq il-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Meta Patri Noel Muscat kien Superjur tal-Kunvent tal-Qabar ta' Kristu, Patri Francesco kien spiss iżur il-fraternità u jġib il-pellegrini, u saħansitra kien talab biex jgħix għal ftit jiem mal-fraternità tal-Qabar ta' Kristu u jieħu sehem fit-talb liturġiku u l-impenn pastorali tal-patrijiet fl-aktar Santwarju importanti tal-Kustodja.

Il-Kustodju ġdid wasal Ġerusalemm fl-ewwel jiem ta' Lulju u mill-ewwel għamel l-ingress solenni u l-bidu tal-mandat tiegħu fil-Kunvent ta' San Salvatur, fejn hemm il-Kurja Kustodjali. Fil-jiem ta' wara għamel l-ingressi solenni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fiċ-Ċenaklu, fil-Bażilika tan-Nativitа̀ f'Betleħem u fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni f'Nażaret.

Sadanittant, mis-27 ta' Lulju sat-2 ta' Awwissu l-Kustodja tal-Art Imqaddsa ċċelebrat il-Kapitlu Kustodjali fil-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm. Għall-Kapitlu kien preżenti l-Ministru Ġeneral Patri Massimo Fusarelli, flimkien mal-Viżitatur Ġenerali Patri Alojzy Warot OFM u mal-Assistent Viżitatur Ġenerali Patri Marcello Ghirlando OFM. Wara l-Quddiesa tal-bidu tal-Kapitlu l-Ministru Ġeneral ħabbar il-gvern il-ġdid tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li hu magħmul mill-Kustodju P. Francesco Ielpo (Taljan), mill-Vigarju Kustodjali P. Ulises Zarza (Arġentin), u mid-Diskrieti P. John Kwesi Bohma (Ghana – Lingwa Ingliża), P. Rodrigo Machado Soares (Brażil – Lingwi Spanjola-Portugiża), P. Raimondo Girgis (Sirja

– Lingwa Għarbija), P. Zacheusz Drazek (Polonja – Lingwi Polakka, Kroata, Franċiż, Ġermaniż, Grieg), u P. Piermarco Luciano (Italia – Lingwa Taljana, Maltija). Kif jidher ċar l-għażla tal-kunsill tal-Kustodja ssir fuq kriterji ta' internazzjonalità, biex tiġi rispettata din il-karatteristika unika tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa li, mill-bidunett tagħha, twieldet bħala Provinċja li fiha tiġbor patrijiet mid-dinja kollha.

Il-ħidma tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa hi dik li, qabel xejn, ikun il-Provinċjal tal-patrijiet Franġiskani li jgħixu fit-territorju tal-Kustodja, li jikkomprendi Israel, il-Palestina, il-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu, l-Eġittu, Ċipru, il-Greċja, id-Delegazzjoni ta' Ruma, u l-Kummissarjati ta' Washington D.C. u ta' Buenos Aires fl-Arġentina. Kif jgħid ismu, l-Kustodju hu mbagħad il-ħarries uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa li jaqgħu taħt il-ħarsien tal-Patrijiet Franġiskani, u li huma kkonċentrati l-aktar fl-Art Imqaddsa proprja (Israel, Palestina u Ġordanja) u wkoll fil-Lvant Nofsani in ġenerali. Hu għandu wkoll rwol diplomatiku, billi hu rikonoxxut uffiċjalment bħala r-rappreżentant tal-Knisja Kattolika (Latina) quddiem il-Knejjes Orjentali Ortodossi (Griegi u Armeni) preżenti fl-Art Imqaddsa. Bħala figura l-Kustodju għandu wkoll kuntatti ta' natura diplomatika mal-mexxejja politiċi fid-diversi pajjiżi tal-Lvant Nofsani, l-aktar fil-ħarsien tad-drittijiet tal-Kristjani u tal-preżenza Kristjana fir-reġjun. Hu wkoll iżomm kuntatti uffiċjali mal-Vatikan permezz tan-Nunzji u Delegati Apostoliċi preżenti fid-diversi pajjiżi u wkoll mal-Patrijarka tal-Latini f'Ġerusalemm, l-aktar fejn tidħol il-ħidma pastorali fil-parroċċi u l-iskejjel immexxijin mill-Franġiskani.

Patri Francesco Ielpo beda l-ministeru tiegħu f'sitwazzjoni mwiegħra, li fiha għad hemm gwerra għaddejja fl-Art Imqaddsa, li ġabet magħha tbatija kbira lill-komunità Kristjana u lill-Patrijiet Franġiskani, kif ukoll nuqqas ta' sigurtà ekonomika minħabba l-fatt li, għal aktar minn sentejn, mhux qed imorru pellegrini fl-Art Imqaddsa u n-nies sfaw bla xogħol. It-theddida għall-preżenza Kristjana fil-Palestina u l-iStrixxa ta' Gaża hi serja, minħabba l-gwerra li għaddejja bħalissa f'Gaża u minħabba l-attakki tas-"settlers" estremisti Israeljani fuq l-irħula Kristjani tal-Palestina. Rajna b'għajnejna l-attakk fuq il-parroċċa tal-Familja Mqaddsa f'Gaża u l-attakki fuq ir-raħal Kristjan ta' Taybeh, li ġew ikkundannati mill-mexxejja kollha reliġjużi fl-Art Imqaddsa. Quddiem dawn is-sitwazzjonijiet ta' niket niftakru fid-dmir tagħna li nitolbu għall-paċi u nsostnu lill-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Nawguraw ħidma fejjieda lil P. Francesco Ielpo, nirringrazzjaw tal-ħidma tiegħu lil P. Francesco Patton, u nżommu lill-Patrijiet Franġiskani tal-missjoni tal-Art Imqaddsa fit-talb tagħna.



Martirju S. Bartilmew, Kana. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich

# KANA U NATANJEL MINN KANA TAL-GALILIJA

*Noel Muscat ofm*

L-evanġelista San Ġwann, fir-raba' Evanġelju 21,1-2 jikteb: "Wara dan, Ġesù reġa' deher lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija. Dehrilhom hekk: Xmun Pietru, Tumas, li jgħidulu t-Tewmi, Natanjel minn Kana tal-Galilija, u ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli tiegħu kienu flimkien." Dan il-grupp ta' dixxipli li ħarġu jistadu fuq l-Għadira tal-Galilija wara l-qawmien mill-imwiet tal-Mulej Ġesù, kien jinkludi fih lil Natanjel minn Kana tal-Galilija, l-istess raħal li l-evanġelista Ġwanni jsemmi fil-kapitlu 2 tal-Evanġelju, meta jagħtina r-rakkont tal-ewwel sinjal li Ġesù wettaq f'Kana tal-Galilija, meta biddel l-ilma fi nbid waqt il-festa tat-tieġ (Ġwann 2,1-11).

Illum il-pellegrini jmorru jżuru s-Santwarju tal-Ewwel Miraklu ta' Ġesù fir-raħal Għarbi ta' Kefar Kenna, madwar 7 kilometri lejn it-tramuntana ta' Nazaret, qrib it-triq li mill-kosta tal-Mediterran bejn Ħaifa u Akri fuq il-punent tiegħu lejn il-lvant, lejn Tiberija, il-belt fuq l-Għadira tal-Galilija. Mhux l-istudjużi u arkeoloġi kollha jaqblu li dan kien ir-raħal li fih Ġesù għamel l-ewwel miraklu tiegħu. Hemm ukoll it-possibilità li dan ir-raħal kien jinsab aktar 'il bogħod, u preċiżament fil-post li jissejjaħ Khirbet Qana, fejn hemm fdalijiet antiki fuq għolja baxxa fil-Mitspe Netofa, jew il-wita ta' Netofa, u li jidhru faċċata ta' Tzipori, jew Sefforis, fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, xi 13-il kilometru bogħod minn Nazaret. Hawnhekk l-arkeoloġi sabu simboli Kristjani u graffiti tal-era Biżantina (sekli 4-6), flimkien ma' fdalijiet li jistgħu jkunu dawk ta' sinagoga, *mikveh* (banju ritwali) u binjiet li kienu jintużaw bħala mħażen u magħsar tal-inbid. Dan kollu jindika li anke dan il-post kien antikament meqjum mill-Insara bħala l-Kana tal-Evanġelju. Hawnhekk ma aħniex sejrin nidħlu f'din il-kwestjoni, li teħtieġ spjegazzjoni aktar profonda. Sejrin nitkellmu dwar Kana tal-Galilija li fiha llum hemm is-Santwarju tal-Ewwel Miraklu, u partikolarment dwar il-figura ta' Natanjel minn Kana tal-Galilija, li t-tradizzjoni tassoċjah mal-appostlu San Bartilmew.


*Fdalijiet ta' Khirbet Qana. © www.biblewalks.com*

## Ir-raħal ta' Kefar Kenna

Is-Santwarju tal-Ewwel Miraklu jinsab fil-parti antika tar-raħal ta' Kefar Kenna, li llum kiber ġmielu u għandu popolazzjoni ta' madwar 24 elf persuna, fil-maġġoranza tagħhom Musulmani. Il-parti l-antika tar-raħal fiha tliet knejjes. Fid-daħla tat-trejqa li taqsam ir-raħal l-antik hemm il-knisja tal-Griegi Kattoliċi. Aktar 'il ġewwa, fiċ-ċentru tar-raħal antik, hemm il-knisja tal-Griegi Ortodossi, u kważi biswitha ftit metri bogħod il-knisja Latina, jew Kattolika, is-Santwarju tal-Ewwel Miraklu, taħt il-ħarsien tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-knejjes kollha jfakkru l-miraklu ta' Ġesù u l-pellegrini Kattoliċi u Ortodossi jżurhom biex fihom ifakkru din il-ġrajja evanġelika.

L-iskavi arkeoloġiċi taħt il-knisja ta' Kana saru fl-1969 minn P. Stanislao Loffreda OFM, u fl-1997

minn P. Eugenio Alliata OFM, arkeoloġi tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm. Il-knisja li naraw illum inbniet fl-1879 u tkabbret fil-forma li tidher fiha llum fl-1897-1905 minn P. Egidio Geissler OFM. Xi 100 metru bogħod, fl-istess trejqa tar-raħal l-antik, hemm iċ-ċimiterju Latin li fih fl-1889 inbniet kappella ddedikata appuntu lil Natanjel minn Kana tal-Galilija, appuntu l-appostlu San Bartilmew.

Mill-fdalijiet arkeoloġiċi jidher li r-raħal kien jeżisti fl-epoka Rumana, u li x'aktarx kien imdaqqas aktar min-nukleu antik ċentrali tiegħu. L-istoriku u arkeologu Franġiskan P. Barnabas Meistermann OFM, fil-Gwida tal-Art Imqaddsa ppubblikata fl-1925, jgħid li fl-inħawi ta' Karm er-Ras, quddiem ir-raħal ta' Kana, kien hemm xi bażijiet ta' kolonni li kienu parti minn xi sinagoga antika. Fil-fatt, l-iskavi arkeoloġiċi sabu fdalijiet ta' sinagoga proprju taħt il-knisja tal-lum. Instabu fdalijiet ta' sinagoga tas-sekli 3-4 u iskrizzjoni bl-Aramajk li tgħid: "Imbierka t-tifkira ta' Ġużeppi, iben Talħum, iben Butaħ, u uliedu, li għamlu din il-kitba u l-mużajk. Il-barka tinżel fuqhom." Din l-iskrizzjoni tidher taħt il-paviment tal-knisja fin-nofs tal-korsija. It-teżi tal-mibki arkeologu Franġiskan P. Bellarmnino Bagatti OFM hi li, kif ġara ta' spiss f'diversi siti fil-Galilija, il-preżenza ta' żewġ sinagogi tindika li, fl-era Kristjana, kien hemm fir-raħal komunità Lhudija bis-sinagoga tagħha, u komunità Lhudija-Kristjana li kellha wkoll sinagoga-knisja, li mbagħad fl-epoka Biżantina ġiet mibdula fil-forma ta' knisja.

## It-tradizzjoni Kristjana f'Kana tal-Galilija

Ix-xhieda tal-pellegrini u storiċi tal-qedem hi importanti biex nifhmu għaliex it-tradizzjoni rabtet l-Ewwel Miraklu ta' Ġesù mar-raħal ta' Kana tal-Galilija, kemm jekk dan kien Kefar Kenna, li dwaru nitkellmu, u kemm jekk seta' kien Khirbet Qana.

L-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija, fl-*Onomasticon*, jitkellem minn Kana tat-tribù ta' Aser, li fiha l-Mulej biddel l-ilma fi nbid u fejn sejjaħ lil Natanjel għal warajh bħala veru Israelita. L-attribuzzjoni tar-raħal lit-tribù ta' Aser ġejja minn Ġożwè 19,28.

San Ġilormu jsemmi lil Kana tal-Galilija, kif ukoll Teodosju (530) li jgħid li hemm 5 mili minn Diocaesarea (Sefforis) sa Kana. Ix-xhieda l-aktar ċara hi dik tal-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza (570), li jikteb: "Minn Diocaesarea wara tliet mili wasalna Kana, fejn kien hemm il-Mulej waqt il-festa tat-tieġ. Għalkemm ma jistħoqqlix, hemmhekk jiena naqqaxt l-ismijiet tal-familjari tiegħi. Hemmhekk jinsabu tnejn mill-ħames ġarar. Jiena imlejt waħda bl-inbid u ġarrejtha fuq spallti fuq l-altar. Hemmhekk inħsilna fil-għajn biex nitbierku. Imbagħad morna Nazaret." Bagatti jgħid li qrib Kana, fuq il-punent, hemm għajn tnixxi l-ilma, u din hi prova tal-awtentiċità tal-post evanġeliku, imma li ma hemmx għajn f'Khirbet Qana.

San Willibald (723-726) jgħid li f'Kana sab knisja kbira li fiha kien hemm waħda mis-sitt ġarar. Jgħid ukoll li minn Kana baqa' sejjer fuq it-Tabor. Il-*Commemoratorium de Casis* (808) isemmi wkoll Kana tal-Galilja bħala l-post li fih il-Mulej biddel l-ilma fi nbid. Ir-raħeb Epiphanios, fl-*Enarratio Syriae* (sekli 9-11) jgħid li mit-Tabor wieħed jagħmel vjaġġ ta' ġurnata li jwasslu Kana tal-Galilija, u li hemmhekk hu sab monasteru fil-post tal-miraklu.

## Kana fl-epoka Kruċjata

Interessanti li l-Kruċjati ffissaw it-tradizzjoni ta' Kana fit-triq li, kif rajna, kienet tidħol minn Akri fuq il-kosta tal-Mediterran, biex tinżel Tiberija. Din it-triq kienet tgħaddi mill-wita

ta' Netofa u għaldaqstant il-Kruċjati kienu jqisu lil Khirbet Qana bħala r-raħal tal-miraklu. Huma bnew xi djar f'riġlejn l-għolja li fiha kien hemm fdalijiet antiki, u fosthom kien hemm għar li huma bdew iqisuh bħala l-post tal-miraklu. Il-pellegrini kienu jħallu graffiti li għadhom jidhru u jindikaw li dak l-għar kien post ta' kult Kristjan. Imma xorta waħda kienu jafu b'Kefar Kenna, għax f'xi dokumenti dan ir-raħal hu msejjaħ Cefraquenne, il-forma Franċiża tal-isem Għarbi. Barra mill-knisja Griega Ortodossa ta' Kana għadhom jeżistu żewġ kapitelli Kruċjati, li huma xhieda li hemmhekk ukoll kien hemm xi binja sagra għall-Kruċjati.

Fost il-pellegrini tal-era Kruċjata nsibu lil Saewulf (1102), l-Abati Danjel ir-Russu (1106-07), Johannes ta' Würzburg (1165), u Joannis Phocas (1177). Interessanti li fid-dokument *De situ urbis Jerusalem* (1130) jingħad li Kana kien ir-raħal ta' Xmun il-Kangħani, Filippu u Natanjel. Fil-fatt Filippu kien minn Betsajda, mhux minn Kana, imma t-tradizzjoni li l-appostli Xmun l-Imħeġġeġ u Bartilmew kienu minn Kana hi qawwija. Il-kelma *kananaios*, imma, mhux neċessarjament tindika l-provenjenza minn Kana, għax bl-Aramajk il-kelma *qan'ănă* tindika żelota, jew imħeġġeġ, kif jissejjaħ Xmun f'Luqa 6,15 u Atti 1,13.

## Kana wara l-epoka Kruċjata

Wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm fl-1291, is-sena tat-telfa ta' Akri, t-triq li minn Akri tieħu għal Tiberija ma baqgħetx aktar tintuża, u l-pellegrini kienu pjuttost jippreferu jmorru Kefar Kenna, li hu eqreb lejn Nazaret. Fl-1283, ftit qabel il-waqgħa ta' Akri, żar Kana l-pellegrin Burchard tal-Monte Sion. Hu jgħid li s-santwarju kien kripta taħt l-art li kont tinżel għaliha bit-taraġ, l-istess kif kont tagħmel f'Nazaret u Betleħem, u li l-kumplament tal-binja kienet meqruda.

Fl-1294 żar Kana l-pellegrin Dumnikan Riccoldo de Monte Croce. Jgħid li



*It-tieg ta' Kana. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

r-raħal jinsab xi 4 jew 5 mili bogħod minn Nazaret, u li fih għajn tal-ilma li minnha l-pellegrini jimlew il-ġarar b'tifkira tal-miraklu. Jgħid li hemmhekk kantaw u ppridkaw l-Evanġelju tal-Ewwel Miraklu.

Fl-1347 il-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi jikteb: "Il-kastell ta' Kana tal-Galilija mhux kbir, u hemmhekk ħallasna *dremo* kull ras; hemm knisja fejn Kristu kien mistieden għall-festa tat-tieġ ta' San Ġwann l-Evanġelista. Hemmhekk Kristu biddel l-ilma fi nbid. Barra mill-kastell hemm binja oħra żgħira, fuq għolja baxxa, li tissejjaħ *Architriclino*, fejn kien jgħix is-sinjur li kien qed jieħu ħsieb il-festa tat-tieġ. Bejn Kana tal-Galilija u din il-binja hemm għajn tal-ilma, u ħadna minnu biex imlejna l-ġarar li minnhom Kristu ħareġ l-inbid." Interessanti l-attribuzzjoni tal-persuna tal-għarus lil Ġwann l-Evanġelista, li tidher li kienet tradizzjoni biex turi li l-verġinità ta' dan l-appostlu kienet aktar prezzjuża mill-għerusija u ż-żwieġ. Niccolò da Poggibonsi jsejjaħ ir-raħal bħala kastell, jiġifieri raħal fortifikat.

Fl-1551-1564 P. Bonifacius de Stefanis, jew Bonifaċju ta' Ragusa (Dubrovnik fil-Kroazja), li kien Kustodju tal-Art Imqaddsa (1551-1559 u 1564) u mbagħad Isqof ta' Ston fil-Kroazja (1564-1582), jikteb hekk: "Kana tal-Galilija hu r-raħal tal-ewwel sinjal u miraklu ta' Kristu s-Salvatur. Din hi Kana tal-Galilija li tinsab qrib Nazaret xi tliet mili bogħod, u li hi tat-tribù ta' Aser." Jgħid ukoll li l-knisja kienet għoddha mġarrfa u r-raħal kien f'idejn il-Musulmani. Francesco Quaresmio, *Elucidatio Terræ Sanctæ*, ukoll jiddeskrivi Kana tal-Galilija fl-1726.

Fit-tifkiriet dettaljati li kiteb dwar Kana tal-Galilija, P. Egidius Geissler, li kien kappillan u ddedika l-enerġija tiegħu biex jibni s-Santwarju tal-Ewwel Miraklu f'Kana, insibu: "Is-sena 1556. Il-Griegi Xiżmatiċi (kif kienu jissejħu l-Griegi Ortodossi b'mod pjuttost dispreġjattiv) bnew l-ewwel knisja tagħhom, mhux bogħod mis-santwarju


*Knisja Griega Ortodossa Kana. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

li kien ġie mibdul f'moskea, kif jixhdu s-17 *talleri* (muniti) fil-pedamenti tal-knisja. Fis-sena 1886 jiena rajthom jeqirdu l-knisja antika biex jibnu oħra ġdida u isbaħ. Dawn it-*talleri* kienu tas-sena 1556 u kollha kienu jġibu xbihat tas-saltniet Kristjani, fosthom dik tal-Imperatur Rudolph II tal-Imperu Ruman-Ġermaniku u xbieha tal-arċisqof Jakob ta' Salzburg."

Il-Franġiskani ta' Nazaret kienu xtraw l-art qrib is-santwarju fl-1641, imma kellhom jistennew sal-1879 biex jibdew jibnu l-knisja ċkejkna li tlestiet fl-1881 u kienet tkopri n-navata ċentrali tal-knisja li hemm illum. Il-Patrijarka Latin Vincenzo Bracco għamilha parroċċa.

## Il-knisja Griega Ortodossa

Il-knisja Griega Ortodossa li tfakkar l-Ewwel Miraklu tinsab ftit metri bogħod mis-Santwarju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Fiha wieħed jista' jara żewġ ġarar kbar tal-ħaġar. P. Geissler kiteb li waħda minn dawk il-ġarar kienu jinqdew biha għall-magħmudija tat-tfal Griegi Ortodossi, li dejjem issir b'immersjoni fl-ilma. Il-ġarra l-oħra kienet ukoll tintuża għall-istess skop mill-Griegi Kattoliċi u nġarret mill-kappella li kellhom xi darba fir-raħal lejn il-knisja tal-Griegi Ortodossi. Illum il-Griegi Kattoliċi għandhom knisja fid-daħla tar-raħal, mhux tant bogħod. Il-knisja tal-Griegi Ortodossi hi ddedikata lil San Ġorġ Martri.

## Il-kappella ta' San Bartilmew u r-rabta tagħha ma' Natanjel minn Kana

Meta l-pellegrini jidħlu mit-trejqa li twassalhom fir-raħal antik ta' Kana min-naħa l-opposta għad-direzzjoni tal-knejjes tal-Griegi Kattoliċi u Griegi Ortodossi, ftit passi wara l-iskola u l-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija u t-Terra Sancta Secondary School li nbniet ftit tas-snin ilu mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u ftit qabel ma jaslu fis-Santwarju tal-Ewwel Miraklu, jaraw mal-ġenb tat-trejqa u mdawra b'ċimiterju Latin, il-kappella ta' San Bartilmew Appostlu, li nbniet fl-1889 minn P. Egidius Geissler


*Kappella San Bartilmew, Kana. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

fuq il-post tradizzjonali tad-dar ta' Natanjel minn Kana tal-Galilija. Għalkemm P. Geissler ma rnexxilux jagħmel skavi arkeoloġiċi, imma taħt il-paviment tal-binja li kien hemm qabel u li kienet tintuża bħala moskea, hu sab fdalijiet tal-paviment ta' knisja aktar antika, kif ukoll biċċiet tar-rħam u biċċa minn platt ta' rħam aħmar tal-Eġittu. Quddiem il-bieb antik instabet ġiebja, li kellha paviment tal-mużajk u vaska żgħira. Forsi kienet xi ambjent li fih kien jintagħsar l-inbid. Il-kappella hi sempliċi għall-aħħar, u tixbah xi ftit il-kappella ta' Najm, li nbniet ukoll fl-istess żmien. Għandha statwi tal-appostli Xmun u Bartilmew. Taħt il-kappella hemm ukoll kripta żgħira, li fiha kien ġie midfun P. Egidius Geissler. Dan il-Franġiskan Awstrijak kien l-ewwel kappillan ta' Kana, u kien hu li kabbar is-Santwarju tal-Ewwel Miraklu fil-forma ta' trifoljo (3 absidi) u bil-faċċata simmetrika li tixbah il-kattidral ta' Salzburg fl-Awstrja. P. Geissler hu midfun fil-kripta tal-kappella ta' San Bartilmew.

Nikkonċentraw issa l-attenzjoni tagħna fuq il-figura simpatika ta' Natanjel minn Kana tal-Galilija, li t-tradizzjoni popolari tassoċjah mal-figura tal-appostlu San Bartilmew. Naraw qabel xejn ir-rakkont evanġeliku li jitkellem dwar is-sejħa ta' Natanjel, isem li jfisser "don ta' Alla", rakkont li ma jgħidx li Natanjel kien minn Kana tal-Galilija, għax dan ir-riferiment, kif rajna fil-bidu ta' dan l-artiklu, jinsab fis-silta ta' Ġwann 21,2. Ir-rakkont tas-sejħa ta' Natanjel jinsab fi Ġw 1,43-51:

"L-għada Ġesù ddeċieda li jitlaq lejn il-Galilija. Sab lil Filippu u qallu: «Ejja warajja.» Filippu kien minn Betsajda, il-belt ta' Indrì u Pietru. Filippu sab lil Natanjel u qallu: «Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi, u l-profeti fil-kotba tagħhom: Ġesù minn Nazaret, bin Ġużeppi.» Qallu Natanjel: «Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nażaret?» «Ejja u ara,» wieġbu Filippu. Meta Ġesù ra lil Natanjel riesaq lejh qal għalih: «Ara, dan tassew wieħed minn Israel li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih.» Natanjel staqsih: «Kif sirt tafni?» U Ġesù wieġbu: «Rajtek taħt is-siġra tat-tin qabel ma sejjaħlek Filippu.» «Rabbi,» qallu Natanjel, «inti l-Iben ta' Alla, inti s-sultan ta' Israel!» Ġesù wieġbu: «Qiegħed temmen għax għedtlek li rajtek taħt is-siġra tat-tin? Għad tara ħwejjeġ akbar minn dawn!» U żied jgħidlu: «Tassew, tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem.»

Din is-silta evanġelika fil-kapitlu 1 ta' San Ġwann tagħmel parti minn struttura ta' sitt ijiem li fihom il-Mulej Ġesù jiġi indikat bħala l-Ħaruf ta' Alla minn Ġwanni l-Battista, isejjaħ l-ewwel appostli biex jimxu warajh, u jwettaq l-ewwel sinjal tiegħu meta jibdel l-ilma fl-inbid f'Kana tal-Galilija. San Ġwann jibni l-Evanġelju fuq żewġ fażijiet importanti tal-ħajja ta' Ġesù. Minn Ġw 1,19 sa Ġw 12,50 nassistu għal dak li l-Biblisti jsejħulu "Ktieb tas-Sinjali", li jurina l-ministeru pubbliku ta' Ġesù bil-kelma u s-sinjali li jirrivelaw in-natura tiegħu bħala l-mibgħut tal-Missier. Minn Ġw 13,1 sa Ġw 20,29 nassistu għall-"Ktieb tal-Glorja", li fih Ġesù juri li waslet is-siegħa tiegħu li jmur lura għand il-Missier permezz tal-glorifikazzjoni tiegħu fuq is-salib, fil-qawmien mill-imwiet u fl-għotja tal-Ispirtu s-Santu.

Fil-bidu tal-"Ktieb tas-Sinjali" San Ġwann jippreżenta l-attività ta' Ġesù fuq il-mudell tar-rakkont tal-ħolqien fil-Ġenesi, għax jitkellem minn sitt ijiem li jikkonkludu bis-sinjal jew miraklu ta' Kana, fil-vers 11 tal-kapitlu 2: "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih."

Hu fit-tielet jum ta' din is-sekwenza li niltaqgħu mal-episodju tas-sejħa ta' Natanjel. Ġesù jinsab fil-Lhudija, fl-inħawi ta' Betanja lil hinn mill-Ġordan, fejn

Ġwanni l-Battista kien jgħammed u fejn kien urih bħala l-Ħaruf ta' Alla. Il-jum ta' qabel, jiġifieri fit-tieni jum, kienu marru wara Ġesù Indrì u dixxiplu ieħor li kienu jinsabu ma' Ġwanni l-Battista. Indrì kien wassal ukoll lil ħuh Xmun għand Ġesù, u dan kien bidillu ismu f'Kefa, jew Pietru.

Fil-bidu tat-tielet jum Ġesù jiddeċiedi li jitlaq mil-Lhudija u jitla' tul it-triq twila tax-xmara Ġordan biex jidħol fil-Galilija. F'ċertu ħin, ma nafux jekk qabel ma telaq inkella meta wasal fil-Galilija, Ġesù sejjaħ għal warajh lil Filippu, li jiġi ndikat bħala li kien minn Betsajda. Il-belt ta' Bethsaida Julias kienet tinsab fuq ix-xatt tat-tramuntana tal-Għadira tal-Galilija, qrib fejn ix-xmara Ġordan tisbokka fl-Għadira. Kienet ukoll il-belt oriġinali ta' Xmun u Indrì. L-ismijiet ta' Filippu u Indrì huma Griegi, u jindikaw li kienu ġejjin minn żona kosmopolita li fiha kien hemm Lhud imħalltin ma' nies pagani, karatteristika tar-reġjun tal-Galilija, li fil-profezija ta' Iżaija 8,23 – 9,1, li jikkwotaha San Mattew fil-kapitlu 4 tal-Evanġelju tiegħu, kienet deskritta bħala "art ta' Żebulon, art ta' Neftali, 'il hemm mill-Ġordan, il-Galilija tal-ġnus." Kien dan il-kuntest li fih Ġesù sejjaħ l-ewwel appostli kif jgħidulna l-Evanġelji Sinottiċi, imma San Ġwann jorbot ukoll is-sejħa



*S. Xmun il-Kanghani. © Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

tagħhom mal-fażi inizjali li fiha Ġesù jiġi muri bħala Messija minn San Ġwann il-Battista fir-reġjun tad-deżert tal-Lhudija.

Filippu jilqa' bil-ferħ l-istedina ta' Ġesù u jmur ifittex lil Natanjel, isem li bil-Grieg hu Ναθαναήλ, u bil-Lhudi jfisser "mogħti minn Alla". Kif għidna, hemm tradizzjoni qawwija li torbot lil dan il-persunaġġ mal-appostlu San Bartilmew, għalkemm din hi tradizzjoni li ma ssibx prova ċerta fl-etimoloġija. L-isem Bartilmew hu Lhudi, u jfisser iben Tolmai. Kienet ħaġa pjuttost komuni li, fil-Galilija, diversi kellhom isem Lhudi u isem Grieg, għax kif għidna, dan kien reġjun imħallat. Jista' jkun li dan kien ukoll il-każ ta' Bartilmew-Natanjel.

Il-kliem ta' Filippu jorbot lil Ġesù "bin Ġużeppi" mar-raħal ta' Nazaret u mal-profeziji tat-Testment il-Qadim, li magħhom Filippu jinkludi lil Mosè

minħabba r-riferiment għal Dewteronomju 18,18: "Jiena nqajmilhom profeta bħalek, minn fost ħuthom; inqiegħed kliemi fuq fommu, u jħabbrilhom kulma nordnalu." L-entużjażmu ta' Filippu, li jitkellem fl-ewwel persuna plural u jirreferi għal sħabu l-appostli l-oħrajn, ma tantx jiltaqa' ma' ħeġġa min-naħa ta' Natanjel, li juri li r-raħal ta' Nazaret ma kellux fama tajba.

L-istedina ta' Filippu twassal lil Natanjel għand Ġesù li, malli jarah, jagħmel dikjarazzjoni stramba imma interessanti dwar l-integrità ta' Natanjel. Isejjaħlu "veru Israelita". Dan hu appellattiv li jindika lil Natanjel bħala membri bi dritt tal-poplu l-magħżul ta' Alla fil-linja tal-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham u lil nislu. Natanjel hu raġel li fih ma hemm l-ebda qerq, u li għalhekk hu disponibbli biex fih iseħħu l-wegħdiet ta' Alla ma' dawk li tassew jilqgħu l-pjan tiegħu ta' salvazzjoni. Kważi kważi naraw f'Natanjel iseħħu l-kelmiet li San Pawl jikteb fl-Ittra lir-Rumani 9,1-8: "Ngħidilkom is-sewwa fi Kristu [dwar] ħuti, nies ġensi skont il-ġisem: l-Israelin. Tagħhom hija l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet; tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom li, skont il-ġisem, ħareġ Kristu, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem ta' dejjem. Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fix-xejn; għax mhux dawk kollha li huma mnissla minn Israel huma Israelin. Mhux dawk kollha li huma min-nisel ta' Abraham huma wliedu [...] Dan ifisser, mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla, imma l-imwielda bis-saħħa tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abraham."

Quddiem dan il-kumpliment dwar il-veru Israelita, li jgħix bil-fidi fil-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham u li jwasslu għal Kristu, Natanjel jistaqsi lil Ġesù dwar kif seta' kien jafu b'mod hekk profond. It-tweġiba li Ġesù jagħtih tħallih aktar sorpriż. Ġesù kien diġà rah "taħt is-siġra tat-tin" qabel ma sejjaħlu Filippu. L-espressjoni li tirreferi għas-siġra tat-tin hi komuni fl-Iskrittura, u tindika persuna li tikkonsagra ħajjitha għall-istudju tal-Iskrittura, hekk li, fil-letteratura tar-rabbini, is-siġra tat-tin kienet spiss titqabbel mas-siġra tal-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin. Ir-rabbini kienu jqisu lis-siġra tat-tin bħala l-post ideali biex jistudjaw it-*Torah* taħt id-dell tagħha.

Ir-riferimenti għas-siġra tat-tin fl-Iskrittura huma numerużi. It-tina hi komuni fir-reġjun tal-Mediterran u tipprovdi frotta bnina u ħelwa, hekk li fil-Ktieb tal-Imħallfin 9,10-11, fil-parabbola ta' Ġotam kontra n-nies ta' Sikem, it-tina titkellem u tgħid: "Għandi jiena nħalli l-ħlewwa u l-frott bnin tiegħi biex immur niddandan fuq is-siġar?"

Fil-Ġenesi jidher li l-ewwel bnedmin insatru bil-weraq tas-siġra tat-tin meta skoprew li kienu għarwenin wara li kielu mis-siġra (Ġen 3,7). Is-siġra tat-tin hi marbuta mal-imħabba tal-għerusija ta' Alla mal-poplu tiegħu fl-Għanja tal-Għanjiet 2,13: "Diġà beda mit-tin ħiereġ il-frott." Il-paċi tal-poplu ta' Israel fi żmien Salamun hi deskritta fl-1Slaten 5,5: "Il-poplu ta' Ġuda u Israel kien jgħix fiż-żgur, kulħadd taħt id-dielja u t-tina tiegħu, minn Dan sa Birsaba." Is-sultan Ħeżekija sab il-fejqan mill-ġerħa li kellu meta l-profeta Iżaija ordna li japplikawlu ċappa tin fit-2Slaten 20,7. Il-profeta Mikea 4,4 jiddeskrivi l-paċi messjanika bil-kelmiet: "Kull wieħed jintasab taħt id-dielja tiegħu, u taħt is-siġra tat-tin tiegħu." Ġoel 2,22 jikteb: "Id-dielja u t-tina qed iroddu l-ġid tagħhom." Żakkarija 3,10 jirrepeti l-istess xbieha tat-tina bħala siġra ta' barka u prosperità: "F'dak il-jum, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, intom tistiednu lil xulxin taħt id-dielja u taħt it-tina tagħkom."

Ir-riferimenti għas-siġra tat-tin insibuhom ukoll fl-Evanġelji, partikolarment f'Mattew 21,17-22, Mark

11,12-14 u Luqa 13,6-9, fl-episodji li fihom Ġesù jisħet is-siġra tat-tin li fiha ma sabx frott u fil-parabbola tas-siġra tat-tin li fiha s-sid ma sabx frott imma li taha żmien biex tagħmlu billi għażaq madwarha u xeħtilha d-demel.

Dawn ir-riferimenti kollha jgħinuna nifhmu s-sens profond tal-espressjoni ta' Ġesù li jara lil Natanjel taħt is-siġra tat-tin. Dan iwassal lil Natanjel biex jagħmel stqarrija ta' fidi tassew profonda, li din id-darba tħalli lil Ġesù mistagħġeb: "Rabbi, inti l-Iben ta' Alla, inti s-sultan ta' Israel!"

It-tweġiba ta' Ġesù hi waħda ta' stil eskatoloġiku. Juri lil Natanjel li, jekk jimxi warajh, kellu jara ħwejjeġ u sinjali tal-għaġeb, u jsemmilu l-famuż taraġ u sellum li l-patrijarka Ġakobb kien ra waqt il-ħolma tiegħu f'Betel f'Ġenesi 28,10-22, li fuqu kienu telgħin u neżlin l-anġli. Hekk Natanjel kellu jkollu x-xorti li jara l-istess dehra meta jimxi wara Ġesù, li fih kien hemm il-milja tal-barka ta' Ġakobb li Alla tah prova tagħha f'Betel waqt il-viżjoni li kellu.

Nistħajlu li Natanjel baqa' milqut minn dik il-laqgħa ma' Ġesù u li beda miexi warajh flimkien ma' sħabu biex sar wieħed mill-appostli li xandru l-Kelma li hu tant kien immedita u xtarr taħt is-siġra tat-tin, u li semagħha mill-fomm ta' Dak li hu l-veru Kelma, Verb, tal-Missier.

Ir-raħal ta' Kefar Kanna jfakkarna f'din il-figura simpatika ta' Israelita veru u ġenwin, li forsi kien ma' Ġesù tlitt ijiem wara din il-ġrajja, meta flimkien mad-dixxipli tiegħu Ġesù kien mistieden għall-festa tat-tieġ fl-istess raħal u hemmhekk ta xhieda tal-messjaniċità tiegħu fl-ewwel sinjal jew miraklu li wettaq, meta bidel l-ilma fl-inbid. Hekk l-ilma safi imma bla togħma tat-Testment il-Qadim, li Natanjel kien jafu hekk tajjeb bl-istudju tat-*Torah* taħt is-siġra tat-tin, kellu jinbidel fl-inbid iħammar, is-sinjal tal-glorja ta' Kristu fuq is-salib.

Meta nkunu pellegrini fl-Art Imqaddsa u nżuru s-Santwarju tal-Ewwel Miraklu, tajjeb li niftakru li s-sens profond mistiku ta' dan il-post qaddis imur ħafna aktar 'il hemm mit-tifsira pjuttost sentimentali li torbtu mal-qdusija tas-sagrament taż-żwieġ, anke jekk din hi sinjal ċar tal-patt ta' għerusija ta' Kristu mal-poplu tiegħu. U tajjeb ukoll li l-pellegrini li jersqu lejn dan is-Santwarju jieqfu għal ftit mumenti quddiem il-kappella taċ-ċimiterju Latin biex ifakkru l-figura simpatika ta' Natanjel minn Kana tal-Galilija, l-appostlu San Bartilmew.

## Referenzi:


Bellarmino Bagatti, *Antichi villaggi cristiani di Galilea*, Tipografia dei Padri Francescani, Gerusalemme 1971, 42-48 [SBF, *Collectio Minor*, 13].

Donato Baldi, *Enchiridion Locorum Sanctorum*, Typis PP. Franciscanorum, Jerusalem 1935, 256-267.

Raymond E. Brown, *An Introduction to the Gospel of John*. Edited by Francis J. Moloney, Yale University, U.S.A. 2003.



# L-APOKALISSI (8)
# "LI HU, U LI KIEN, U LI GĦAD IRID JIĠI" (APOKALISSI 4:8)
# TEOLOĠIJA BIBBLIKA TAL-APOKALISSI

*Fr Charles Buttigieg*

## Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu

L-Apokalissi ta' San Ġwann irid l-ewwelnett jgħallimna dwar Alla (bil-Grieg: 'Ho Theos'). L-isem ta' Alla, insibuh 124 darba fl-Apokalissi fil-waqt li l-isem grieg 'Theos' insibuh 74 darba. Alla huwa qaddis ('hagios' u 'hosios') u ġust ('dikaios') u dan insibuh 65 darba fil-ktieb. 'Hosios' hija applikata biss għal Alla li huwa 'monos hosios' f'15:4; għaliex anke l-anġli huma qaddisin f'14:10; l-insara huma qaddisin f'8:3-4 u Ġerusalemm hija qaddisa kif naraw f'21:2. Naraw lil Alla bħala dak li qed imexxi l-istorja tal-bniedem: "Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (4:8). Huwa dak li ġej kontinwament ('kai ho erchomenos' – parteċipju tal-verb 'erchomai', ara Apokalissi 1:4.8; 4:8). Huwa l-Missier ta' Kristu kif naraw f'1:6; 2:28; 3:5.21; u 14:1; u huwa Ħaj (4:9: 7:2; 10:6; 15:7). It-titlu grieg ta' 'Pantokrator' insibuh 9 darbiet fl-Apokalissi li jinsab 191 darba fis-LXX (Septwaġinta) fejn hu applikat għal Alla. ''Pantokrator', jiġifieri 'dak li jista' kollox', *panto* 'totalità' u *krator* 'potenza'; *omnipotens* u *omnitenens* fil-Latin, fl-Ebrajk: *Jahwe Sabaot* 'Alla tal-eżerċti, ara Oseja 12:6 u Apok 21:11.

L-Apokalissi jgħallimna dwar Kristu ukoll, fejn l-isem insibuh 9 darbiet. Huwa l-Ħaruf (6:1), il-Verb t'Alla u Kristu Rxoxt: "Imbagħad bejn it-tron u l-erba' ħlejjaq ħajjin u f'nofs ix-xjuħ ('presbuteroi'), rajt li kien hemm Ħaruf, bħallikieku kien maqtul, b'seba' spirti ('spiritus septiformis') ta' Alla mibgħutin fuq l-art kollha" (5:6). Hu għalhekk fil-ktieb għandna Kristoloġija mill-iktar żviluppata u sinjura tal-Ġ.T., fejn naraw lil Ġesu x-xhud il-fidil (1:5; 3:14 u 19:11), huwa l-Alpha u l-Omega (1:8; 1:17; 21:6 - x2 u 22:13 - x3 u għalhekk 7 darbiet). Hawnhekk C.G. Flegg jikteb: "nowhere in the Testament is the divinity of Christ more comprehensively expressed than in Revelation".

Nistgħu ngħidu u ma nkunux qegħdin niżbaljaw li f'dan l-aħħar ktieb tal-



*Kristu Pantocrator. Kattidral Monreale © Noel Muscat*

Dawn it-titli Kristoloġiċi kollha nsibuhom fil-ktieb tagħna. Fl-Apokalissi għandna lil: "Cristo come il grande debellatore delle forze del caos". D. Guthrie jiddefenixxi din il-kristoloġija bħala "pietra angolare della Cristologia del NT".

L-Apokalissi jurina lil Ġesù bħala: Ġesu Kristu, il-Mulej il-qawwa ta' Kristu (22:20-21); l-ewwel li qam mill-mewt, il-Verb ta' Alla ('ho logos tou Theou', juri traxxendenza, 19:13); l-Iben ta' Alla (2:18); il-Veru (3:7; 6:10 u 19:11), il-Qaddis (3:7); il-Ħaj ('ho Zon' – 1:18); il-prinċep tas-slaten tad-dinja, il-bidu u t-tmiem ('ho protos kai ho eschatos', 1:17; 2:8 u 22:13, ara ukoll Isaija 44:6 u 48:12), il-qawwi (ara 2 Korintin 6:18; Luqa 1;4-9; Ġakbu 5:4), l-ewwel u l-aħħar (ara Kolossin 1:15.17), bin il-bniedem (1:13 u 14:4 meħud minn Danjel 7:13;10:5-6 u Eżekjel 1:26 u 9:2), li jżomm is-seba' kwiekeb, li jżomm is-seba' knejjes, dak li għandu is-sejf, li għandu l-għajnejn tan-nar u sieq















u tar-ram, li għandu l-muftieħ ta' David, l-Amen, il-Mexxej tal-ħolqien ta' Alla, l-iljun mit-tribù ta' Ġuda (5:5), l-għerq ta' Ġuda (ara Isaija 11:1), il-ħaruf maqtul u gglorifikat (5:6-12), u l-ħaruf rebbieħ fuq it-tron ta' Alla (6:1-16). Dak li għandu s-seba' spirti ta' Alla (3:1), Alla tas-smewwiet, l-iben, Kristu



*Kristu l-Ħaruf tal-Apokalissi*
*(Sacro Speco di San Benedetto, Subiaco © Noel Muscat)*

Bibbja it-tagħlim dwar it-Tieni Persuna tat-Trinità Sidna Ġesu Kristu huwa tassew komplut kif insibu ukoll dwar il-Missier. Fl-Apokalissi, il-Kristoloġija tiġbor verament l-elementi kollha Kristoloġiċi li nsibu fil-Ġdid Testment: f'San Mark għandna l-Kristoloġija tal-Bin il-Bniedem, f'San Mattew l-Leġislatur l-Kbir, Mosè il-ġdid, f'San Luqa għandna lil Kristu l-profeta, għal San Pawl il-Pantokrator, fl-Ittra lil Lhud għandna lil Kristu s-saċerdot il-kbir, għal San Pietru r-Ragħaj, għal San Ġwann ir-Rivelatur.

kollu qawwi, dak li jaħsad, Re tal-qaddisin, Mulej tal-Mulej (‘kurios kurion’), l-ewwel (primogenito) fost il-mejtin (1:5, ara Kolossin 1:18), il-prinċep tas-slaten tad-dinja (1:5); Re tar-rejiet (‘basileus basileon’, is-sovran assolut 17:14 u 19:16), dak li hu veru, il-Kelma ta’ Alla, il-Kbir Alla, l-Imħallef universali, l-għarus u l-kewkba ta’ filgħodu li tiddi (22:16, ara ukoll 2 Pt 1:19).

L-Ispirtu s-Santu huwa dak li jagħti r-ruħ lill-Knisja kollha. Jissemma 18-il darba fl-Apokalissi. Huwa fuq kollox l-Ispirtu tal-profezija. Hawnhekk Ugo Vanni jikteb: “in order to fully understand the meaning, force and spirit of Revelation, however, we must remember that it is not a book that is done, but one that is to be done; the reader/hearer is indeed called upon to take an active part in the interpretation of the text and in its application to his or her specific historical situation. The reading provides for dialogues, silences, pauses, including those created by grammatical inaccuracies, which are intended to stimulate attention and prompt reflection. Like all Scripture, the book of Revelation is alive and remains open to the call of the times. In the vision of Revelation, the Holy Spirit is involved not only in the act of communicating the vision of John and having it set down in writing, but also in the reading that takes place within the liturgical assembly and in the practical application of the Word.”

B’hekk il-Ktieb tal-Apokalissi jitkellem kontinwament dwar it-Trinità, dwar it-Tliet Persuni f’Alla Wieħed, bħalma diġà nsibu fl-ewwel vers tal-Bibbja fil-ktieb tal-Ġenesi, fejn naraw lill-Missier joħloq permezz tal-Kelma, il-Verb Divin u r-Riħ ta’ Alla, l-Ispirtu s-Santu kien jittajjar fuq il-ħolqien.

## Bibljografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell’uomo nel Libro delle Parabole e nell’Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., “Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission’s document “Ispirazione e verita’ della Sacra Scrittura” (2014)”, in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John’s depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., “Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space”, in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Guthrie, D., *The Relevance of John’s Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., “Cosmology in the Book of Revelation”, in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L’Apocalisse come ‘actio liturgica’ cristiana. Studio esegetico.* AnBib 199, Roma 2012.

O’Hear, N. – O’Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., “The use of Old Testament in the Book of Revelation”, in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., “The Book of Revelation: Plagues as

part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Rosell, S., "John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world", in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali*, Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/ Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.




# IT-TIELET ISAIJA U L-BELT TA' ĠERUSALEMM

*Mons Lawrenz Sciberras*

It-tielet taqsima tal-ktieb tal-profeta Isaija, mela minn kapitli 56 sa kapitlu 66 iddur madwar il-belt ta' Ġerusalemm. Dawn l-aħħar ħdax il-kapitlu ifaħħru, jistiednu, jgħollu 'l fuq, u jberrħu l-ħtieġa li wieħed għandu juri lejn u mal-belt il-qaddisa, Ġerusalemm. Tant hija belt affaxxinanti, belt li tiġbdek, belt b'partikularitajiet uniċi, li l-istess Musulmani isejħu lil Ġerusalemm El Kuds, jiġifieri il-Qaddisa!

Naturalment ma nistgħux inħallu barra il-Lhud u l-Ħajt li jmorru jitolbu quddiemu; dan ifakkarhom fil-parti l-aktar qaddisa tat-tempju l-aktar ta' żmien Erodi il-Kbir. Però il-pedamenti ta' dan il-ħajt imorru wisq aktar lura fiż-żmien. Għalina l-Insara mbagħad hemm parti ġmielha mill-Via Dolorosa, il-Kalvarju flimkien mal-Qabar glorjuż. Għalhekk Ġerusalemm hija belt partikulari u unika fid-dinja kollha.

F'dawn il-kapitli hemm tagħrif utli ħafna li juri ż-żmien ta' meta probabbilment inkitbu kif ukoll is-sitwazzjoni psikoloġika u xejn anqas prekarja ta' poplu x'għadda minnu fil-passat qarib. Illum l-inklinazzjoni hija li dawn huma kapitli li ssawru wara l-ħruġ tal-Lhud mill-eżilju tal-Babilonja. Mela wara is-sena 536. Dawn il-kapitli qegħdin iberrħu l-importanza tal-belt il-qaddisa b'dak kollu li Alla ħejjielha biex taqdi missjoni ma' u fost uliedha. Għalhekk l-awtur tas-salm 137 b'nostalġija tal-ġenn fuqu jistagħħġeb waħda sew: "Jeħilli ilsieni mas-saqaf ta' ħalqi, jekk ma niftakarx fik, jekk ma nżommx 'il Ġerusalemm 'il fuq minn kull ferħ tiegħi" (Salm 137,5).

Ukoll fit-titli li l-awtur jagħti lil din il-belt ikompli jistieden u jqanqal għar-rispett u l-imħabba lejn Ġerusalemm. Xi wħud minn dawn it-titli jissiġillaw dan kollu. Il-Mifdija, l-Imfittxija, l-Għarusa, l-Għaxqa tiegħi u oħrajn. Innota l-artiklu determinattiv quddiem kull wieħed mill-aġġettivi.

Dawn l-aġġettivi ma jingħataw lil ebda belt jew raħal ieħor minkejja li forsi jkunu akbar, aktar b'saħħithom, aktar għonja, aktar imdawrin bi swar ħoxnin, aktar popolati, aktar għanja fl-armi qerrieda tal-gwerra. Le ma hemmx paragun ma' Ġerusalemm. Din hija il-belt ta' Alla. Naturalment wieħed ma għandu qatt jinsa li dan kollu ġej grazzi għat-tempju li kien hemm f'nofs il-belt.

F'dan il-kuntest ta' għożża lejn Ġerusalemm ta' min ifakkar f'episodju ieħor. Il-kuntest huwa l-kastig tal-pesta f'Israel (2 Sam 24,15). Iżda meta l-anġlu kien se jmidd idu fuq in-nies ta' Ġerusalemm, Alla ordnalu: "Biżżejjed! Żomm idek. Dak il-ħin l-anġlu tal-Mulej kien ħdejn il-qiegħa ta' Arawni il-Ġebużi" (2 Sam 24,16).

Għalhekk lil Ġerusalemm wieħed ma jista' qatt jifridha mit-tempju. "Lejn it-tempju tiegħek f'Ġerusalemm, għalik is-slaten iġibu l-għotjiet" (Sl 68,30). Ukoll: "Għax il-Mulej għażel lil Sijon, u xtaqha tkun id-dar tiegħu: Hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem! Fiha irrid noqgħod, għax ħabbejtha! Bil-barka nimla l-ħażniet tagħha, bil-ħobż inxabba' l-foqra tagħha. Bis-salvazzjoni nlibbes il-qassisin tagħha, bil-ferħ jgħajtu l-ħbieb tagħha. Hemm inqajjem qawwa lil David, inħejji mnara għas-sultan il-midluk tiegħi". (Sl 132,13-17).

## Il-glorja fuq il-belt

Il-kelma glorja *kavod*, hija kelma ċentrali l-aktar fil-kotba tat-Testment il-Qadim. Biżżejjed ngħidu li din il-kelma tinsab miktuba għal mitejn darba, (200) mela l-importanza mimlija ta' din il-kelma.

Waħda mill-ogħla u l-eqdes okkażjonijiet fejn tidher il-qawwa, it-tifsira u r-realtà ta' din il-kelma hija il-konsagrazzjoni tat-tempju ta' Ġerusalemm mis-sultan Salamun. "Xħin il-qassisin ħarġu mis-santwarju ta' barra, is-sħaba mliet




it-tempju tal-Mulej, u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom, għax il-glorja *kavôd* tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej" (1Slat 8,10). U minn dak il-waqt 'il quddiem it-tempju flimkien mal-belt ta' Ġerusalemm saru t-tokk assolut ta' kollox u ta' kulħadd, ta' Lhud u nies pagani, ta' nies foqra, imma wkoll għonja, ta' nies ta' ftit għarfien fil-Kotba tat-Testment il-Qadim, imma wkoll ta' nies għorrief u dutturi fit-Torah, ta' numru ta' debħiet ta' kuljum, ta' għotjiet l-għexur kif titlob il-liġi, kif ukoll tad-dikjarazzjoni tal-qassisin fejn jidħlu l-liġijiet dwar l-indafa ritwali. "Qum! Ħa jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ *kavôd* il-Mulej! Ara d-dlamijiet jiksu l-art, u sħab iswed il-popli: iżda fuqek jiddi il-Mulej u sebħu *kevôdo* jfiġġ fuqek: (Is 60,1-2).

Kemm huwa kliem mimli verità u kliem fih tassew x'tixtarr.

## Aktar għarfien lill-belt

Il-profeta Isaija jkompli jwessa l-ġieħ mogħti lil Ġerusalemm ukoll minn popli barranin, ġnus mill-bogħod. U mhux biss, imma dawn il-poplu frustieri jħossu li għandhom iġibu magħhom offerti u għotjiet biex iqegħduhom quddiem Alla. U dan għaliex min jimxi fil-liġi tal-Mulej ikollu s-serħ u l-ferħ. "Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija ta' sebħek", għax "minn Sijon joħroġ it-tagħlim u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm". (Is 2,3).

Iżda il-profeta dejjem biex ikompli jgħolli u juri l-glorja u r-rispett li tgawdi din il-belt, jinnota li l-ġnus mhux biss imorru iżuru u jitkixfu din il-belt u jfaħħru s-swar tagħha, imma wkoll iġibu magħhom rigali u għotjiet ta' valur kbir. "Mrieħel ta' iġmla għad jgħattuk, l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn Saba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens u jxandru t-tifħir tal-Mulej" (Is 60,6).

Dan il-kliem tal-profeta dwar l-għotjiet lil

Ġerusalemm, ifakkar fil-ġrajja l-oħra li r-reġina ta' Saba għamlet lis-sultan Salamun. Dejjem minħabba n-negozju taż-żjut, balzmu, lawdnu u fwejjaħ oħra li kien hemm bejn Ġerusalemm – raġuni t-tempju -, u bliet oħra, id-diskors mexa sew dwar il-livell għoli ta' kull ma kien hemm ġewwa l-belt. Għalhekk din ir-reġina ddeċidiet li tivvjaġġa, titla' Ġerusalemm u tmur tkellem wiċċ imb wiċċ lil Salamun is-sultan tas-sliem. Però din is-sultana ma marretx b'idejha vojta, anzi b'abbundanza ta' riġali u għotjiet prezzjużi ħafna. "U ġiet Ġerusalemm b'qatgħa ġmielha ta' kbarat magħha, u b'iġmla mgħobbija b'tagħbija kbira ta' ħwawar u deheb u ħaġar prezzjuż, u ġiet għand Salamun u qaltlu kull ma kellha maħżun f'qalbha". (1 Slat 10, 2). Hawn ta' min jinnota l-valur kwantitattiv ta' dawn l-oġġetti prezzjużi li r-reġina ġabet magħha Ġerusalemm!

Din is-sultana tant baqgħet impressjonata bil-għerf li semgħet minn fomm Salamun li kkonkludiet hekk: "Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem l-għerf tiegħek" (1 Slat 10,8). Quddiem dan kollu il-belt ta' Ġerusalemm jidher li ma kienx hemm impar tagħha. U dan mhux le fit-teorija daqskemm fil-verità u fil-prattika.

Iżda dan ma kienx biżżejjed għall-profeta, għaliex dan in-*nabih* kompla jgħolli u jfaħħar lil din il-belt grazzi għax-xogħol li l-istess barranin kellhom jagħmlu. Issa dawk iż-żminijiet is-sigurtà tal-belt tidher sew fil-qawwa u s-saħħa tas-swar




*Xbiha medjevali ta' Ġerusalemm*



Mappa medjevali ta' Ġerusalemm

tagħha. Issa l-profeta qed iħabbar li huma l-istess barranin li jibnu s-swar ta' din il-belt, anzi jsibu l-kenn fiha. Din hija ħaġa tassew ma titwemminx, stramba dejjem skont il-loġika tat-Totah. "U l-barranin jibnulek swarek, u jaqduk is-slaten tagħhom" (Is 60,10). "U l-bibien tiegħek ikunu miftuħin dejjem, lejl u nhar ma jingħalqux, biex jiġi għandek il-ġid tal-ġnus, u s-slaten tagħhom miexja quddiem" (Is 60,11). Dan kollu jkompli iżid mal-glorja ta' din il-belt.

Iżda minkejja li bibien il-belt ikunu dejjem miftuħin beraħ għal kulħadd mingħajr ebda għażla, però xorta waħda jkun hemm ħtieġa tal-għassa. Dan biex ma jiġrix li jidħlu l-ispiji ġol-belt u jkunu ta' tradiment għall-poplu kollhu. Din il-ħaġa sewda ġrat fil-konfront tal-belt ta' Ġeriko. Daħlu l-ispiji biex jitkixxfu il-belt u kienet Raħab "li ħbiethom taħt il-ħatab tal-kittien" (Ġoż 2,6) u ddefendiethom. Il-profeta għalhekk ifakkar lill-belt u jgħidilha: "Fuq swarek, Ġerusalemm qegħidt l-għassiesa, lejl u nhar qatt ma jisktu" (Is 62,6). Issa skont dan il-kliem huwa Alla nnifsu li qiegħed l-għassiesa biex dawn jiddefendu l-glorja ta' din il-belt. Mela belt imħarsa, belt fi żgur belt unika għaliex fuqha hemm il-glorja ta' Alla.

## Jum is-Sibt

Wieħed mis-sinjali li jagħżel dan il-poplu minn popli l-oħra tad-dinja huwa l-ħarsien strett u qaddis ta' jum is-Sibt. Bosta huma r-riferenza għal dan il-ħarsien imxerrdin mal-Bibbja kollha; ibda mill-ewwel taqsima dik tat-*Torah* u kompli bis-sħiħ kemm is-salmi kif ukoll il-profeti. Skont il-*Mishnah* dejjem fit-trattat *Shabbath* hemm imsemmija disgħa u tletin kwalità ta' xogħol li wieħed ma jistax jagħmel f'jum is-Sibt. (*Mishnah, Shabbat*, 7.2). Anke kemm wieħed jista' jimxi – madwar kilometru biss, hemm imniżżel f'dan ir-rigward. U dan kollu biex jonoraw jum is-Sibt, jum li fih Alla strieħ!

Issa jekk wieħed b'għajnejh miftuħa jikser dawn il-liġijiet jidħol in-nuqqas ta' rispett lejn il-liġi espressa ta' Alla. U bil-maqlub, min iħares sew jum is-Sibt, b'dak kollu li titlob minnu l-liġi, ikollu barkiet mis-sema. Issa dawn il-ħsibijiet jitkellem dwarhom ukoll il-profeta Isaija dejjem f'relazzjoni mat-tqaddis ta' Ġerusalemm. "Hieni r-raġel li jagħmel dan, u l-bniedem li jżomm sħiħ fih, iħares is-

Sibt u ma jiksrux, iżomm idu 'l boghod mill-għemil ħażin" (Is 56, 2).

L-istess Isaija jkompli juri liema huwa l-qligħ li hemm fil-ħarsien ta' jum is-Sibt u bil-maqlub ukoll; kemm huma koroh il-konsegwenzi ta' ksur dan il-jum qaddis. "Jekk int ma tixħetx is-Sibt taħt riġlejk, billi tagħmel li jogħġbok fil-jum imqaddes tiegħi, jekk issejjaħ is-Sibt l-għaxqa tiegħek, u l-jum qaddis u mweġġaħ mill-Mulej; jekk tagħtih ġieh billi fih ma tagħmilx ix-xogħol ta' kuljum, u ma tfittixx in-negozju u t-tlablib fieragħ, jien ntellgħek fuq għoljiet l-art" (Is 58, 13).

Żvilupp ieħor marbut mal-belt ta' Ġerusalemm huwa dak tal-universalità tan-nies. Dan it-tielet Isaija jidher li fetaħ beraħ il-bibien biex kulħadd jista' jidħol f'din il-belt tant magħżula minn Alla. Qablu kien hemm projbizzjonijiet u restrizzjonijiet l-aktar kbar dwar min jista' anke biss jidħol fit-tempju. (Dt 23,2). Ir-raġuni kienet biex dan il-post qaddis ma jitniġġisx.

Però dan Isaija issa jaqleb il-paġna waħda sew. Profeta ieħor li għamel dan l-istess raġunament kien Ġoel: "Jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha. U mqar fuq il-qaddejja rġiel u nisa, nsawwab l-ispirtu tiegħi f'dawk il-jiem" (Ġoel 3,1-2).

Issa dan l-istess ħsieb ta' barranin dejjem f'relazzjoni ma' Ġerusalemm qiegħed ukoll f'Isaija. "Għax dan jgħid il-Mulej; Għall-ewnuki li jħarsu Sibtijieti, u jagħżlu dak li jogħġob lili, jżommu sħiħ fil-patt tiegħi, jiena nagħtihom f'dari u swari, nagħtihom monument u isem, nagħtihom isem għal dejjem, li ma jitħassar qatt" (Is 56,4-5).

Mela tassew li Isaija kien qed ibassar tant u tant barkiet fuq kollox il-glorja *kavod* fuq il-belt li Alla għażel għalih, Ġerusalemm.



*Il-bibien ta' Ġerusalemm huma tad-deheb*



Qanatir al-Mawazin. L-Arkati tal-Miżien quddiem il-Koppla tal-Blata f'Ġerusalemm

# STORJA TAL-POPLU MAGĦŻUL

*Marcello Ghirlando*

## *Il-Ġudajiżmu f'artijiet Islamiċi u Nsara sal-Imperu Ottoman*

## Twelid l-Islam

Kienet ix-xewqa li l-Għarab tal-peniżula Għarbija jkunu magħquda fit-twemmin f'Alla wieħed li wildet l-Islam fil-bidu tas-seklu VII. Dan seħħ permezz ta' Muħammed li kien iżomm li Alla kien irrivela lilu nnifsu lilu u li kellu l-missjoni li jbiegħed lill-bnedmin mill-idolatrija. Ir-rivelazzjoni ta' Alla lil-Lhud u lill-Insara kienet issuperata mill-profeziji tiegħu – hu li tqies bħala l-aħħar profeta ta' Alla – miġbura fil-Qur'an.

Il-Lhud ma aċċettawhx la bħala profeta u lanqas ma aċċettaw it-twemmin tiegħu li l-Qur'an b'xi mod jikkonferma u jikkoreġi lit-Torah: il-Ġudajiżmu huwa twemmin, li anki jekk leġittimu, mhuwiex sħiħ.

Hekk insibu miktub fil-Qur'an, Sura 2, 2: "Dan huwa l-Ktieb, bla dubju; fih tmexxija tajba għal dawk li jibżgħu minn Alla."

Sitt snin qabel il-mewt tiegħu żewġ tribujiet Lhud tkeċċew minn Medina wara li l-irġiel ta' tribù oħra nqatlu; in-nisa u t-tfal ittieħdu bħala lsiera. Fis-sena 644 EK is-Sirja, il-Palestina, l-Iraq u l-Persja intrebħu kollha mill-armata Islamika. L-Imperu Biżantin irtira fl-Asja ż-Żgħira filwaqt li l-Imperu Islamiku beda jitmexxa mid-dinastija tal-Umajjidi. Fis-sena 711 EK Spanja nħakmet minn armata Islamika magħmula minn Għarab u Berberi Musulmani. Fis-sena 750 EK kienu l-Kaliffi Abbasidi li ħadu f'idejhom it-tmexxija mill-kapitali l-ġdida tal-Imperu f'Bagdad. Taħt l-Abbasidi żviluppat sewwa t-tradizzjoni orali post-Qur'anika; magħha bdiet tiżviluppa ukoll il-filosofija, it-teoloġija, ix-xjenza u l-ġurisprudenza Islamika, u kif sa naraw, b'mod parallel, żviluppaw ukoll l-istess fi ħdan il-Ġudajiżmu.

Kien żmien ta' tolleranza kemm għal-Lhud kif ukoll għall-Insara, frott il-Patt ta' Omar (800 EK). Dan il-patt, li sar prinċipalement mal-Insara li kienu jgħixu f'artijiet maħkuma mill-Musulmani, imma li kien jgħodd għal-Lhud ukoll, għamel mod li l-ħajja Lhudija tiffjorixxi sewwa. Hekk kien jistqarr dan il-patt: "F'isem Alla Ħanin u li juri ħniena! Din hija kitba lil Omar mill-Insara ta' din il-belt. Meta intom (il-Musulmani) imxejtu kontrina (l-Insara), tlabniekom ħarsien għalina u għal uliedna, għal dak li għandna u għal dawk li jemmnu bħalna; u għamilna dan il-ftehim magħkom li ma nibnux monasteri, knejjes u djar reliġjużi ġodda; li ma nsewwux dawk li jiġġarrfu u lanqas ma nibnu mill-ġdid dawk li jinsabu fil-kwartieri Musulmani fil-belt; li ma nċaħħdux id-dħul tal-Musulmani fil-Knejjes tagħna la bi nhar u lanqas bil-lejl; li nifthu l-bibien lil dawk li jivvjaġġaw; li nilqgħu u nitimgħu lil kull vjaġġatur Musulman għal tlitt iljieli; li ma nagħtux kenn lill-ispiji fil-Knejjes jew fid-djar tagħna jew naħbu xi għadu tal-Musulmani. Li ma ngħallmux il-Qur'an lil uliedna; li ma nistiednu lil ħadd isir Nisrani; li ma nċaħħdux lil niesna milli jsiru Musulmani, jekk dawn jixtiequ. Li nuru qima lill-Musulmani meta jiġu fil-ġemgħat tagħna u li nqumu meta jixtiequ jieħdu postna; li ma nkunux bħalhom, la fl-ilbies, la fil-għata tar-ras, fis-sandlijiet u fil-mod kif nagħmlu xagħarna; li ma nużawx il-mod ta' kif jitkellmu huma jew nieħdu l-kunjomijiet tagħhom; li ma narmawx irwieħna bix-xwabel u l-armi, jew li nonqxu skrizzjonijiet bil-Għarbi fuq ċ-ċrieket tagħna; li ma nbigħux l-inbid; li nqaxxru l-parti ta' quddiem ta' rasna; li nżommu l-mod proprju tagħna fl-ilbies kull fejn inkunu; li nilbsu ħżiem ma' qaddna. Li ma nqegħdux is-salib fuq il-Knejjes tagħna jew nuruh fil-kotba qaddisa tagħna fit-toroq tal-Musulmani jew fis-swieq tagħhom; li ndoqqu u nitolbu bil-kwiet meta preżenti ikun hemm Musulman; li ma nġorrux frieghi tal-palm u x-xbihat tagħna fit-toroq; li ma nkantawx b'vuċi għolja waqt id-dfin u lanqas

inġorru xemgħat mixgħula fit-toroq tal-Musulmani u fis-swieq tagħhom; li ma neħdux ilsiera li kienu tal-Musulmani; li ma nissindikawx fi djarhom; li ma nolqtu l-ebda Musulman."

Diversi Lhud, nies tas-sengħa u kummerċjanti, setgħu jemigraw mill-Babilonja lejn iċ-ċentri l-oħra tad-dijaspora Lhudija. Il-pożizzjoni legali tagħhom kienet favorevoli. Ngħidu aħna, l-awtoritajiet Islamiċi baqgħu jagħrfu r-rwol u l-awtorità tal-eżilarka Lhudi fil-Babilonja. Kien dan li baqa' jirrappreżenta l-interessi tal-komunità Lhudija fil-qorti tal-Kaliffi. Maż-żmien l-eżilarka beda jaqsam is-setgħa tiegħu mal-kapijiet tal-akkademji Lhud li kienu jissejħu *gaon*. L-importanza tal-*geonim* kibret maż-żmien, speċjalment fis-seklu X meta l-akkademji mxew minn Sura u Pumbedita għal Bagdad. Dawn il-kapijiet bdew jappuntaw huma l-eżilarka fil-Babilonju. Sas-seklu XI l-eżilarkat kien sar biss titlu onorifiku.

Kien għal nofs is-seklu VIII li xi kummerċjanti Lhud ikkonvertew għall-Ġudajiżmu lis-slaten ta' poplu Tork, il-Khażari, li kienu jgħixu max-xmara Volga. Kien f'dan is-seklu wkoll li qamu diversi movimenti messjaniċi fil-komunità Lhudija Persjana. L-irvellijiet armati ma rnexxewx kontra l-qawwa militari Islamika.

Ġamar ta' xiżma kontra l-istituzzjoni rabbinika fil-Ġudajiżmu tkebbsu minn Anan bin David bil-Karajiżmu li twieled fis-snin 762-767 EK. Anan, eżilarka tax-xewqa, ried li l-Liġi miktuba tkun l-għajn waħdanija tal-preċetti Lhud fil-Ġudajiżmu; ċaħad l-interpretazzjoni, ħafna drabi aktar wiesgħa, tar-rabbini u ppropona forma aktar iebsa ta' ħarsien tal-Liġi. Ma' mewtu faqqsu diversi setet imnebbħin mill-pożizzjoni anti-rabbinika ta' Anan; flimkien ħolqu dak il-moviment magħruf bħala Karajiżmu. Għas-seklu X kienu jeżistu diversi komunitajiet Karajitiċi mmexxija mill-filosofija tal-esponent ewlieni tagħhom, Benjamin bin Mosè Naħarwendi, li mexxa l-idea li l-Iskrittura trid tiġi studjata b'mod ħieles u indipendenti. Dawn ċaħdu l-liġi rabbinika; waqqfu akkademji fil-belt ta' Ġerusalemm li kellha għorrief magħrufa li anki huma ppubblikaw kummentarji tal-Iskritturi Lhud u l-liġijiet proprji


*It-Torri ta' David jew Cittadella ta' Gerusalemm*

tal-moviment tagħhom. Wara l-qerda tal-komunità Lhudija fl-Ewwel Kruċjata, din l-akkademja mxiet lejn l-Imperu Biżantin u minn hemm lejn il-Polonja, il-Krimea u l-Litwanja. Il-komunità Karajitika kibret fl-Eġittu, almenu sas-seklu XI. Wara dan is-seklu il-Karajiżmu sar fenomenu ta' minoranza fost il-Lhud. L-istituzzjoni rabbinika qieset il-Karajiżmu bħala eretiku: kien Sadija Gaon, li mill-akkademja fil-Babilonja, ħadha bl-aħrax kontra Anan.

Bħalma jiġri dejjem: kull sfida toħloq rebbiegħa ta' studju u riċerka. Hekk issa wkoll ġara fil-Ġudajiżmu li kompla jiżviluppa l-filosofija u t-teoloġija tiegħu biex jirfina l-għarfien tal-fidi u l-ħajja partikulari tiegħu. Irridu ngħidu li ż-żmien tan-nofs kien żmien ta' żvilupp għall-filosofija Lhudija, li bħalma kien diġà għamel Filun minn Lixandra fil-perijodu Ellenistiku, riedet iżżewweġ sistemi filosofiċi alternattivi mat-tradizzjoni ħajja tal-Iskritturi Lhud.

L-iżvilupp tal-filosofija Lhudija beda fil-Babilonja, fis-seklu IX, fl-eqqel tal-Kalifat Abbasidi, fi żmien il-kontroversja mal-imgħallmin esponenti tal-Karajiżmu. Kif rajna, kien żmien li fih il-Ġudajiżmu Rabbiniku kien ikkritikat għall-espressjonijiet antropomorfiċi tiegħu dwar Alla fil-Midraxim u fit-kitbiet Talmudiċi. Kien ukoll żmien tal-isfida kbira tal-Islam li baqa' jinsisti li l-fidi Lhudija kien għadda żmienha. Hawnhekk, irridu ngħidu wkoll, li ħafna mill-kittieba Lhud kienu influwenzati mill-iskejjel teoloġiċi Islamiċi ta' bejn is-sekli VIII-IX, b'mod partikulari l-iskola Mutażilistika li żammet li l-argument razzjonali kien neċessarju fi ħwejjeġ ta' twemmin reliġjuż u li l-filosofija Griega setgħet tkun qaddejja tal-fidi reliġjuża.

Fost dawk li ħaduha kontra l-Karajiżmu semmejna lil Sadija Gaon: ismu sħiħ kien Sadija bin Ġużeppi al-Fajjumi (882-942 EK); Eġizzjan, mgħallem u *gaon* ta' waħda mill-akkademji fil-Babilonja, awtur tal-ewwel trattat teoloġiku Lhudi taż-żminijiet tan-



*Maimonides, Kummenarju fuq il-Mixnaħ Torah. Institut du Monde Arabe, Pariġi (wikipedia.org)*

nofs: Il-Ktieb ta' Twemmin u Opinjonijiet. B'dan it-trattat huwa ddefenda l-Ġudajiżmu mill-attakki tal-Insara, tal-Musulmani u taż-Żoroastrijani. Fih wera li l-fidi u r-raġuni huma kompatibbli: isemmi l-erba' għejun ta' għarfien (l-esperjenza li tgħaddi mis-sensi, l-intuwizzjoni tal-veritajiet evidenti, l-inferenza loġika u t-tradizzjoni ta' min joqgħod fuqha). Ir-raba' għajn ġejja minn Alla u tikkompleta t-tlieta l-oħra. F'din isib l-għeruq tiegħu l-Ġudajiżmu.

## Fl-artijiet Musulmani u Nsara

Sal-aħħar tas-seklu X d-dinja Islamika kienet diġà maqsuma f'diversi stati. Spanja kienet baqgħet taħt l-Umajjidi. Wara s-sena 850 EK l-Abbasidi kienu aktar immexxija minn ġenerali Torok; fis-sena 909 l-Fatimidi, ħakmu l-artijiet fit-Tramuntana tal-Afrika u fis-sena 969 EK ħadu wkoll f'idejhom l-Eġittu u l-Palestina.

Kien żmien ta' rebbiegħa għall-akkademji Lhud magħrufa bħala Jexivot. Anki jekk l-akkademji ta' Sura u Pumbedita fil-Babilonja tilfu l-eġemonija akkademika fuq id-dinja Lhudija, tnisslu u xxettlu oħrajn li ħallew isem. Ta' min isemmi, ngħidu aħna, l-akkademja ta' Tiberija, fil-Palestina, li minnha ħarġu l-Masoreti: kienu dawn li żiedu l-vokali fl-Iskritturi Lhud biex ħolqu dak li jissejjaħ it-test masoretiku. Din l-akkademja mxiet lejn Ġerusalemm u baqgħet hemm sas-seklu XI. Ta' min isemmi wkoll l-akkademji Lhud fil-Kajr u f'Fez li taw kontribut kbir, anki fil-kamp tal-filosofija u x-xjenza. Taħt il-Fatimidi l-Lhud mxew ħafna 'l quddiem.

Hekk ukoll ġara fi Spanja, l-aktar fi żmien Ħisdaj bin Xaprut (915-970 EK), amministratur Lhudi taħt il-Kaliffi Abd al-Raħman III u Ħakah II. Fi żmienu Kordoba saret kalamita għall-istudjużi Lhud f'kull qasam. Bħal Ħisdaj, diversi esponenti politiċi Lhud, fosthom Samwel in-Nagid (993-1056 EK) fi Granada, taw kontribut kbir, anki meta l-Kalifat tal-Umajjidi nqasam f'diversi prinċipati Musulmani.

Kienet it-turbolenza politika u l-armati msejħa biex jiddefendu it-territorju Islamiċi fi Spanja li ħeżżew dan il-progress: fis-sena 1086 EK l-Almoravidi telgħu mit-Tramuntana tal-Afrika u ppersegwitaw l-Insara u l-Lhud; f'nofs is-seklu XII, l-Almoħadin – dinastija ta' Berberi mill-Marokk – ippersegwitaw anki lil-Lhud li kellhom jew jikkonvertu għall-Islam jew jaħarbu lejn il-parti ta' Spanja Nisranija jew lejn l-Eġittu u l-Lvant Nofsani. Din it-tip ta' persekuzzjoni intemmet fil-bidu tas-seklu XIII meta l-Insara reġgħu rebħu t-territorji Spanjoli f'idejn il-Musulmani.

Kien iż-żmien meta komunità ċkejkna Lhudija baqgħet tgħix fil-Palestina, minkejja l-qerda tal-Kruċjati; fil-parti tal-Majjistral tat-Tramuntana tal-Afrika, speċjalment wara l-persekuzzjoni tal-Almoħadin; u anki fil-Babilonja. L-invażjoni tal-Mongoli f'nofs is-seklu XIII kellu jġib dil-komunità kważi fix-xejn.

Indawru l-ħarsa tagħna lejn il-Majjistral tal-Ewropa: hemmhekk ukoll bdew jiżviluppaw komunitajiet imdaqqsa ta' Lhud li kienu jaħdmu s-snajja' lokali. Kull komunità organizzat ruħha skont regoli preċiżi. F'Mainz u Worms fir-Rhineland, f'Troyes u Sens fit-Tramuntana ta' Franza nibtu l-akkademji. Fihom tispikka l-ħidma tal-legalista Rabbi Gerson bin Ġuda ta' Mainz (960-1028 EK) u tal-kummentatur tal-Iskritturi Lhud Salamun bin Iżakk ta' Troyes (1040-1105 EK), li baqa' magħruf bħala Raxi. L-istudju tat-Talmud kien żviluppat mit-Tosefisti.

L-istorja tixhed li mhux l-ewwel darba li l-Lhud kienu vittmi ta' sentiment popolari kontrihom. Fl-1095 EK il-Papa Urbanu II nieda l-ewwel Kruċjata: diversi Lhud sfaw immassakrati,

speċjalment f'Worms u Mainz, anki jekk dan is-sentiment kontra l-Lhud ma kienx politika tal-istat. Fis-sekli XII u XIII il-Lhud mhux l-ewwel darba li sfaw vittmi ta' persekuzzjoni. Dan seħħ ħafna drabi għal raġunijiet reliġjużi jew psewdo-reliġjużi: il-Lhud tqiesu bħala l-qattiela ta' Kristu; sikwit kien jinqala' xi għajdut aħrax fuqhom, bħal, ngħidu aħna, li jżebilħu l-ostja, li joqtlu tfal Insara biex jużaw demmhom għall-ikla tal-Għid Lhudi. Seħħ ukoll għal raġunijiet ekonomiċi: bl-iżvilupp tal-konfraternitajiet tas-snajja' fost l-Insara, il-Lhud sabu ruħhom bla xogħol u bdew jiżviluppaw it-tislif tal-flus. L-akkuża ta' użura ħeġġet l-antisemitiżmu. Jekk ma' dan kollu nżidu l-preġudizzji li għalliema fil-Knisja kellhom kontra dak li kien hemm miktub fit-Talmud, wieħed jifhem aħjar għaliex il-ġamar jaħraq tal-antisemitiżmu sikwit kien jitħeġġeġ u jisplodi f'attakki barbari kontra l-Lhud. Il-Konċilju Lateran IV, fl-1215 EK, ried li l-Lhud jilbsu b'mod differenti u ma joħorġux barra fil-Ġimgħa Mqaddsa Nisranija.

Mhux l-ewwel darba li slaten Insara keċċew il-Lhud minn arthom. Fl-1182 EK Filippu Awgustu ta' Franza keċċa lil-Lhud minn Pariġi wara li kkonfiskalhom il-proprjetà tagħhom. Fl-1198 kellhom iħallsu taxxa rjali miżjuda. Hekk ġara wkoll lil-Lhud fl-Ingilterra. Fl-1290 EK tkeċċew mill-Ingilterra u ftit wara minn Franza. Fil-Ġermanja tal-istess żmien il-Lhud sfaw vittmi ta' attakki vjolenti: 140 komunità Lhudija nqerdet. Fis-seklu XIV is-sentiment popolari waħħal fihom li kkawżaw il-"Black Death" billi avvelenaw il-bjar! Ħafna komunitajiet Lhud fi Franza, il-Belġju, il-Ġermanja u fl-Iżvizzera batew il-konsegwenzi.

## Żvilupp tat-tagħlim

Minkejja l-persekuzzjonijiet li kienu jqumu minn żmien għal ieħor, it-tagħlim Lhudi, speċjalment dak imsawwar fid-dawl ta' sistemi filosifiċi taż-żmien, baqa' jikber u jiżviluppa. Ngħidu aħna, diversi kienu l-filosofi Lhud fi Spanja, dik l-art li kellha tbegħedhom minnha fis-seklu XV, li għamlu isem.

Salamun bin Ġużeppi bin Gabirol (1020-1057 EK) minn Malaga kien l-ewwel li pproduċa xogħol imdawwal mit-tradizzjoni Neo-Platonika, L-Għajn tal-Ħajja. Dan inqeda b'tixbiha meħuda minn din il-filosofija biex jiddeskrivi l-attivitajiet ta' Alla. Baħja bin Ġużeppi bin Pakuda (1050-1120 EK) minn Saragoza nqeda wkoll b'ideat neo-platoniċi fit-trattat tiegħu, *Id-Dmirijiet tal-Qalb*, xogħol ta' natura etika li bih ried jikkoreġi l-emfasi żejda fuq it-ritwaliżmu fil-Ġudajiżmu Rabbiniku. Ried li d-dmirijiet etiċi u ritwali li huma misluta mit-Torah jkunu targa fit-triq tal-perfezzjoni li twassal għall-għaqda ma' Alla. Abraham bin David Ħalevi bin Dawud (1110-1180 EK), minn Cordova, inqeda b'kategoriji Aristoteliċi biex joħloq pont bejn ir-raġuni u l-Iskritturi Lhud, tant li twemmin Lhudi ngħata formulazzjoni għal kollox razzjonali. Dan kien ikkritikat minn teologu Lhudi ieħor kontemporanju, Ġuda Ħalevi (1075-1141 EK) fit-trattat tiegħu, Ktieb il-Khażari, opra li fiha hemm djalogu bejn sultan tal-Khażari u mgħallem Lhudi. F'din l-apoloġija għall-Ġudajiżmu, Ħalevi jiddfendi twemminu kontra l-Insara, il-Lhud u l-Karajiti u fuq kollox kontra l-filosofija Aristotelika. Jiddefendi t-Torah: permezz tagħha biss jista' l-bniedem jiltaqa' ma' Alla li huwa qrib l-istess bniedem. Għal Ħalevi, li ħadha kontra r-razzjonalizzazzjoni tal-filosofija Lhudija taż-żminijiet tan-nofs, it-Torah mhijiex kontra ir-raġuni; iżda, fl-aħħar mill-aħħar, il-fidi ma tistax tiftiehem mill-intellett.

L-akbar mgħallem Lhudi ta' dan iż-żmien kien Mosè Majmonidi (1135-1204 EK). Twieled f'Cordova. Il-familja tiegħu kellha temigra meta Almoħadi ħa l-poter.

Minn Spanja għadda għat-Tramuntana tal-Afrika u mar jgħix fil-Kajr. It-trattat l-aktar importanti tiegħu kien il-"Gwida għal Dak li jfittex". Fih jidher li kien influwenzat mill-ħassieba Musulmani kbar, bħal Aviċenna u al-Farabi, li nqdew bil-ħsieb Aristoteliku fil-kitbiet tagħhom. Għal Majmonidi r-raġuni u l-fidi jikkompletaw lil xulxin; forsi għalhekk hu deher li ried iħabbeb it-Torah mal-kunċetti l-aktar importanti tal-ħsieb Aristoteliku. Mosè Majmonidi jlaqqam kitbietu f'teoloġija spekulattiva: kiteb fuq il-profezija, il-problema tal-ħażen, it-triq tal-perfezzjoni tal-bniedem, li fil-Ġudajiżmu tinsab miġbura fl-insistenza fuq il-ħajja morali. Fost ix-xogħlijiet l-aktar importanti tiegħu nsibu kodiċi legali magħruf bħala il-*Mixnet Torah*. F'kummentarju fuq il-Mixnah, b'ton apoloġetiku kontra l-Insara u l-Musulmani, Majmonidi ġabar fi tlettax-il artiklu l-fidi Lhudija: it-twemmin fl-eżistenza ta' Alla, fl-unità tiegħu u fl-inkorporjetà u l-eternità tiegħu; it-twemmin fil-qima waħdanija ta' Alla, fil-profezija, f'Mosè bħala l-akbar fost il-profeti; it-twemmin fit-Torah mogħtija minn Alla permezz ta' Mosè, fit-Torah li ma titbiddilx; it-twemmin li Alla jaf il-ħsibijiet u l-azzjonijiet tal-bniedem, li Alla jippremja u jikkastiga; it-twemmin fl-istennija u l-wasla tal-Messija u fil-qawmien minn bejn l-imwiet. F'din tal-aħħar Majmonidi juri li jemmen aktar fl-immortalità tar-ruħ milli fil-qawmien tal-ġisem.

L-insistenza ta' Majmonidi li bħal donnu jlaqqam il-profezija, il-providenza ta' Alla u l-immortalità bil-kisba intelletwali tal-bniedem u li l-għarfien ta' Alla laqqmu bil-prinċipji ta' Aristotili ma għoġbitx lil kulħadd. Bosta mgħallma Lhud qiesu kitbietu bħala sfida lill-Ġudajiżmu u t-tagħlim rabbiniku. Riedu jipprojbixxu l-istudju tal-Gwida u l-partijiet filosofiċi tal-*Mixnet Torah*. Wara Majmonidi, l-istoriċi dejjem isemmu l-filosfu Levi bin Gersom (1288-1344 EK), minn Provenza u li kien magħruf bħala Gersonidi, li kiteb xogħlijiet ta' filosfija, liġi, matematika u astronomija.

L-aħħar filosofu Lhudi minn Spanja kien Ħasdam

*Kefer ha-Rambam. Il-Qabar ta' Maimonides f'Tiberija (wikipedia.org)*



Kreskas (1340-1414 EK) minn Barċellona. Wara l-irvellijiet li kienu seħħew f'Barċellona, Kreskas mar jgħix Saragoza. Huwa kiteb it-trattat, *Id-Dawl tal-Mulej*, li fih offra ġabra alternattiva tal-fidi Lhudija għal dik ta' Majmonidi. Tkellem dwar diversi kategoriji ta' twemmin fit-Torah: mill-presupposti loġiċi tal-liġi li huma t-twemmin fl-esiżtenza u fin-natura ta' Alla sal-prinċipji fundamentali tat-Torah rigward il-providenza, l-omnixjenza u l-omnipotenza ta' Alla, il-profezija, ir-rieda ħielsa, l-iskop tal-Liġi u l-ħajja umana. Fit-tielet kategorija hemm il-konsegwenzi loġiċi tat-twemmin fit-Torah: il-ħolqien, l-immortalità, il-qawmien, l-eternità tat-Torah, is-superjorità ta' Mosè u l-wasla tal-Messija.

Kittieba oħra Lhud minn Spanja ma baqgħux jinqdew bil-filosofija biex ifissru l-Ġudajiżmu. Ippreferew jagħtu ġabra u definizzjoni tal-fidi Lhudija. Fosthom ta' min isemmi Xmun bin Żema Duran (1361-1444 EK), Ġużepp Albo (1360-1444 EK) u Iżakk Arama (1437-1408 EK). Ġużepp Albo jsemmi tliet artikli bażiċi ta' fidi fil-Ġudajiżmu: it-twemmin f'Alla, ir-rivelazzjoni u t-twemmin fil-premju u l-kastig. Isemmi wkoll ħdax-il prinċipju fundamentali: l-eżistenza ta' Alla, l-unità u l-inkorporjetà tiegħu, l-indipendenza ta' Alla miż-żmien u l-ħelsien minn kull difett, il-profezija, l-awtentiċità tal-profezija, ir-rivelazzjoni, l-għarfien ta' Alla, il-providenza tiegħu u l-prinċipju tal-premju u kastig. Ma' dawn il-prinċipji jsemmi wkoll sitt dommi: li Alla ħalaq mix-xejn, is-superjorità tal-profeziji ta' Mosè, li t-Torah ma titbiddilx, li l-perfezzjoni umana tista' tasal għaliha anki billi tobdi wieħed biss mill-kmandamenti tat-Torah, il-qawmien korporali mill-mewt u t-twemmin fil-Messija.

Ma' Iżakk Arabnel (1437-1508) jintemm iż-żmien twil li fih mgħallma Lhud, speċjalment fi Spanja, ippruvaw jagħtu raġuni lit-tradizzjoni Lhudija bil-filosfija Griega.

## Il-Mistiċiżmu Lhudi

Filwaqt li t-tagħlim Lhudi żviluppa ruħu, miegħu kiber ukoll il-mistiċiżmu Lhudi, li bħal donnu ried ukoll ifittex is-sens veru tal-ħajja Lhudija li kellha tħabbat wiċċha ma' diversi persekuzzjonijiet. Irridu niftakru li l-mistiċiżmu Lhudi taż-Żminijiet tan-Nofs isib l-għeruq tiegħu fl-ispekulazzjoni u r-riflessjoni mistika taż-żmien rabbiniku. Din ir-riflessjoni mistika li esprimiet ruħha f'duttrina sigrieta tnisslet fid-deskrizzjoni tal-karru divin (*merkavah*) li nsibu fil-Ktieb ta' Eżekjel 1. Hija deskrizzjoni li qanqlet l-ispekulazzjoni mistika fuq in-natura ta' Alla u xettlet ix-xewqa fil-mistiċi Lhud li jsiru rikkieba ta' dan il-karru divin. Bis-sejħa tal-isem divin, bis-sawm u bil-ħasil ritwali wħud minn dawn il-mistiċi kienu jemmnu li minn issa setgħu jagħmlu esperjenza – bl-estasi u l-viżjonijiet – tad-dinja li ma tidhirx.

Dan it-tip ta' mistiċiżmu kien l-għajn ta' bosta kitbiet, fosthom it-trattat fuq L-Awla Divina (*Ħekalot*), miktub bejn is-sekli VII u XI, u l-Ktieb tal-Ħolqien (*Sefer Jetsirah*), li jiġbor fih teorija mistika fuq il-ħolqien li tikxef is-sigrieti tal-Ġenesi. Skont din il-kitba Alla ħalaq l-univers permezz ta' 32 mod, jiġifieri permezz tat-22 ittra tal-alfabet Lhudi magħġuna ma' 10 emanazzjonijiet divini (*sefirot*). Skont din l-ispekulazzjoni tal-mistiċiżmu rabbiniku, id-dinja viżibbli hija l-emanazzjoni tad-divin u Alla huwa l-kawża tal-forma u l-materja tal-univers.

Il-mistiċiżmu Lhudi kontemporanju tal-iżvilupp tal-filosfija u t-teoloġija fi ħdan il-Ġudajiżmu taż-Żmien tan-Nofs huwa elaborazzjoni tat-trattati mistiċi, bħalma huwa s-*Sefer Jetsirah*, u tad-duttrini mistiċi li kienu elaborati mill-Mixnah u t-Talmud

u l-letteratura marbuta magħhom. Il-mistiċi qiesu ruħhom ħolqa fil-katina ta' dawk li minn ġenerazzjoni għal oħra għaddew din id-duttrina sigrieta; riedu jifhmu aħjar ir-relazzjoni tad-dinja spiritwali u d-dinja materjali li kienet qiegħda tissielet kontra l-ħażen, u l-armonija universali, frott il-fidwa, li kellha tkun sħiħa bil-wasla tal-Messija.

Diversi Lhud studjaw dawn it-testi mistiċi biex isibu faraġ waqt il-persekuzzjoni: fosthom il-Lhud fir-Rhineland li ssejħu Ħasidej Axkenaż. Fosthom insibu lil Samwel bin Kalonimu minn Speyer u ibnu Ġuda bin Samwel minn Regensburg (1150-1217 EK), li kiteb *Il-Ktieb tad-Devoti*. Insemmu wkoll lil Elgħażar bin Ġuda minn Worms (1165-1230 EK) li kiteb it-trattat *Is-Sigriet tas-Sigrieti*. Dawn kienu jemmnu li r-raġuni ma tistax tasal għall-għarfien ta' Alla. Il-glorja ta' Alla – murija lill-profeti u lill-mistiċi – tista' tagħmel esperjenza tagħha bil-prattika ta' ħajja qaddisa u saħansitra bil-martirju.

Il-ħajja tal-Ħasid, tal-Lhudi devot, kellha ssib l-għeruq tagħha f'ħajja axxetika mlaqqma fl-umiltà u fil-prattika tat-teknika tat-talb: dan kollu esprima x-xewqa kbira tal-għaqda intima ma' Alla.

Fl-istess żmien tal-iżvilupp tal-mistiċiżmu Lhudi fil-Ġermanja, il-mistiċi fin-Nofsinhar ta' Franza komplew jiżviluppaw l-ispekulazzjoni mistika fuq in-natura ta' Alla, ir-ruħ, l-esiżtenza tal-ħażen u l-ħajja devota. Kien fis-seklu XII li dehret kitba, *Baħir*, li tat interpretazzjoni ġdida lill-kunċetti tas-*sefirot* misjuba fis-*Sefer Jetsirah*.

Imdawlin minn din il-kitba diversi kienu l-mistiċi li ħolqu riflessjoni partikulari li kellha tiżviluppa l-mistika Lhudija magħrufa bħala *Kabbalah*. Fosthom ta' min isemmi lil Iżakk l-Agħma (1160-1235 EK) fi Provenza, Ażriel bin Menaħem minn Girona (1194-1270), magħruf bħala Naħmanidi u Abraham bin Samwel Abulafija (1240-1271 EK) fi Spanja, li kien influwenzat mill-kitbiet Sufi Islamiċi. Kien Mosè bin Xem Tov de Leon (1250-1305), minn Guadalajara, li ppubblika x-xogħol *Żoħar*, għaġna ta' tagħlim mill-kurrent tal-*Kabbalah* f'Girona u kunċetti injostiċi: dan tkellem fuq l-esperjenza divina li wieħed seta' jagħmel, skont għarfien partikulari tad-dinja u tal-persuna umana, permezz tat-talb u l-opri t-tajba li jwasslu għal stat li fih il-magħżula jagħrfu r-realtijiet divini.

## Wiċċ imb wiċċ mal-Inkwiżizzjoni

Kien fl-istess żmien storiku ta' instabbiltà politika li anki f'Kastilja u Aragona, fi Spanja, ħafna komunitajiet Lhud inqerdu kważi għal kollox. Niftakru li għal seklu sħiħ il-Lhud kien irnexxielhom jorganizzaw sewwa l-komunitajiet tagħhom: kull komunità kellha l-jedd tmexxi lilha nfisha, bi qrati proprja u anki bis-servizzi soċjali. Mhux ftit kienu l-Lhud li spikkaw fl-istudji xjentifiċi u umanistiċi u fl-iżvilupp tat-teoloġija, tal-liġi u tal-mistiċiżmu Lhudi. Meta fl-1391 beda l-inkwiet, ħafna kienu l-Lhud li salvaw ġildhom billi kkonvertew għal Kristjaneżmu.

Fl-1412 l-Ispanjoli applikaw il-liġijiet ta' Kastilja biex jissegregaw il-Lhud mill-Insara. Wara tilwima teoloġika fuq id-duttrina tal-Messija f'Tortosa, saret pressjoni fuq il-Lhud biex jikkonvertu. Min għamel dan kien imsejjaħ "converso". L-oħrajn ippruvaw jerġgħu jibnu u jorganizzaw il-komunitajiet Lhud. Aktar tard fl-istess seklu, dawn il-"conversos" kienu mixlija li baqgħu jipprattikaw il-Ġudajiżmu bil-moħbi. Tlaqqmu "marranos". Kien iż-żmien li fih is-sultan Ferdinandu u martu Isabella waqqfu l-Inkwiżizzjoni.

Eluf mill-"marranos" kienu kkundannati u kkastigati għal għemilhom; oħrajn ingħataw il-piena kapitali. Il-politika tal-Inkwiżizzjoni

riedet tagħmel mill-"marranos" informaturi biex jikxfu lil sħabhom. Kollox ma' kollox l-Inkwiżizzjoni Spanjola kienet għajn kbira ta' sofferenza għall-komunitajiet Lhud fi Spanja: kastigi, umiljazzjonijiet, konfiska ta' proprjetà, konverżjoni tabilfors. L-eqqel ta' din il-politika seħħet fi żmien l-Inkwiżitur Tumas minn Torquemada (1483 EK). Madanakollu s-sentiment popolari mhux dejjem kien favur din il-politika: mhux l-ewwel darba li l-poplu rvella kontra t-tribunali tal-Inwiżizzjoni f'Aragona u f'Saragoza.

Fil-31 ta' Marzu 1492 EK, b'editt irjali Ferdinandu u Isabella ordnaw it-tkeċċija tal-Lhud minn Spanja. Fi żmien erba' xhur il-Lhud kellhom ibigħu kollox u jitilqu mingħajr ma jieħdu dehbijiet jew fidda... u lanqas flus!

F'dak iż-żmien imqalleb diversi "marranos" ħarbu lejn il-Portugall, it-Turkija u Saloniki u għexu ħajja doppja: kienu jieħdu sehem fil-quddies u s-sagramenti Nsara imma jipprattikaw il-Ġudajiżmu bil-moħbi. Fl-1536 twaqqfet l-Inkwiżizzjoni anki fil-Portugall biex toħroġ il-"marranos" fid-dieher. Fit-Turkija ntlaqgħu tajjeb: setgħet titwaqqaf komunità Lhudija mdaqqsa ta' "marranos" f'Kostantinopli.

B'xorti ħażina, iż-żmien imqalleb bħal donnu ħarbat l-identità reliġjuża ta' dawn il-"marranos": kienu saru taħlita ta' Ġudajiżmu u Kristjaneżmu, filwaqt li wħud daru wkoll għall-Islam!

## Fl-Imperu Ottoman

Wara ż-Żminijiet tan-Nofs il-maġġoranza tal-Lhud kienu jgħixu fil-Lvant tal-Ewropa u l-artijiet tal-Imperu Ottoman, li sas-seklu XV sar potenza mondjali. Wara l-espulsjoni tal-Lhud minn Spanja ħafna sabu kenn fil-Greċja, fil-Kajr, f'Damasku, f'Kostantinopli u saħansitra fil-Balkani. Uħud mil-Lhud ta' Spanja u t-Tramuntana tal-Afrika (Sefardin) ingħataw rwol ta' tmexxija fil-qorti imperjali: ngħidu aħna Doña Grazia (1510-1579 EK) li għexet f'Kostantinopli u kienet waħda mill-mexxejja msemmija tal-komunità Lhudija. Ġużepp Nasi (1524-1579 EK), neputiha, ħadem biex waqqaf komunità Lhudija f'Tiberija, fil-Palestina. Ħafna Lhud li marru Tiberija kienu jaħdmu fid-drappijiet. Dan l-insedjament kellu jkun iż-żerriegħa ta' komunità Lhudija li kellha tiżviluppa f'din l-art tant għal qalb il-Lhud.

Il-ħajja Lhudija reġgħet ixxettlet. Twaqqfu wkoll diversi akkademji Lhud f'Kostantinopli, fil-Kajr u f'Saloniki li sawru mgħallma rabbiniċi ġodda. Fosthom ma nistgħux ma nsemmux lil Ġużepp Karo (1488-1575 EK) li minn Spanja kien emigra għal Balkani. Karo nieda sensiela ta' studji fuq il-Liġi Lhudija mibnija fuq il-kodiċijiet prċedenti ta' Mosè Majmonidi, Iżakk bin Jekiel (1250-1327 EK) u Ġakobb bin Aser (1270-1340 EK). It-trattat tiegħu ssejjaħ *Id-Dar ta' Ġużeppi*. Aktar magħruf huwa x-xogħol tiegħu *Xulkan Aruk* (1564 EK) li fih ġabar il-preċetti morali li jorbtu fil-ħajja Lhudija. Dan ix-xogħol sar il-kodiċi legali l-aktar awtorevoli fil-Ġudajiżmu. Huwa u jiktbu Karo emigra għall-belt ta' Safed fil-Palestina. F'din il-belt kien hemm komunità Lhudija ta' aktar minn għaxart elef ruħ, ħafna minnhom jaħdmu fid-drappijiet. L-espressjoni ħajja tal-Ġudajiżmu kellha tixxettel u tikber sewwa f'Safed. Twaqqfu diversi akkademji ddedikati għall-istudju tat-Talmud u gruppi żgħar, imħeġġa bit-tama tal-wasla tal-Messija, iddedikaw irwieħhom għall-istudju tal-letteratura Kabbalistika.

Wieħed mill-akbar mistiċi ta' Safed kien Mosè Kordovero (1522-1570 EK) li studja, organizza u interpreta t-tagħlim tal-imgħallmin mistiċi li ġew qablu. L-ispekulazzjoni Kabbalistika ħadet xejra oħra bir-riflessjoni ta' Iżakk Luria (1534-1562 EK). Dan trabba fl-Eġittu, għadda

seba' snin jistudja u jimmedita fuq iż-*Żoħar* (kitba mistika tażżmien tan-nofs) fuq gżira fix-Xmara Nil, sakemm mar Safed u hemmhekk għadda l-aħħar sentejn ta' ħajtu. Ix-xogħol ta' Luria bħal donnu reġa' kebbes b'qawwa t-tama fil-wasla tal-Messija, li hu kien jemmen li kellu jeqred darba għal dejjem il-qawwiet tal-ħażen.

Nistgħu ngħidu li l-misticiżmu ta' Luria, li kellu nfluwenza qawwija fuq il-Lhud Sefardin, kien ukoll indirettament kawża tal-moviment mibdi minn Xabbatai Żevi (1626-1676 EK). Dan twieled fi Smirna, studja ż-*Żoħar*, għex fil-Greċja, f'Kostantinopli u f'Ġerusalemm. Ingħaqad ma' grupp Kabbalistiku fil-Kajr u meta niżel Gaża ltaqa ma' Abraham-Natan Axkenażi (1644-1680 EK). Dan emmen li Xabbatai kien il-Messija mwiegħed: ipproklamah Messija fis-sena 1665 EK u għarraf b'ittri lill-komunitajiet tad-dijaspora biex jilqgħuh bħala l-feddej tagħhom. Fi Smirna Xabbatai ma ntlaqax mir-rabbini. Sena wara mar Kostantinopli fejn kien arrestat, anki jekk ħafna Lhud baqgħu jmorru għandu għax tabilħaqq ħasbuh il-Messija. Kien il-Kabbalist Neħemija ħa-Koħen li ddenunzjah lill-awtoritajiet Torok li sfidawh: jew jikkonverti jew imut. Xabbatai ikkonverta u sar Musulman bl-isem ta' Meħmet Effendi! Skandalizza 'l bosta Lhud; oħrajn siltu mitt skuża biex jiġġustifikaw għemilu, fosthom Abraham-Natan li nsista li l-Messija ma kienx obbligat josserva l-Liġi biex itemm il-missjoni tiegħu li jirbaħ il-ħażen. Xabbatai baqa' jgħix ta' Musulman u Lhudi fl-istess ħin. L-istess Abraham-Natan ipproklama li dan tela' fid-dinja soprannaturali wara mewtu li ġrat fl-Albanija, fejn kien kien eżiljat.

Għemil Xabbatai xettel xi setet li ġew influwenzati minnu. Id-Dissidenti, li kienu jipprofessaw l-Islam fil-pubbliku, imma jħarsu t-tradizzjonijiet Lhud fil-moħbi u jżommu li Xabbatai u l-mexxej tagħhom, Berukija Russo, kienu divini. Fis-seklu XVIII insibu setta simili mmexxija minn Ġakobb Frank li ppreżenta lilu nnifsu bħala l-inkarnazzjoni ta' Xabbatai u t-tieni persuna tat-Trinità! Eventwalment Frank u d-dixxipli tiegħu saru Nsara: fl-1760 intefa' l-ħabs għal tlettax-il sena għat-twemmin żbaljat tiegħu, sakemm mar il-Ġermanja u ssieħeb ma' grupp ieħor Kabbalistiku.

## Referenzi


1 Kwotazzjoni tal-Qur'an meħuda mill-verżjoni uffiċċjali bil-Malti ta' Martin Zammit u Muħammad el-Sadi, maħruġa mill-Għaqda Dinjija tas-Sejħa Islamika, Tripli – Libja.



*Ġesù jkeċċi l-bejjiegħa mit-Tempju*

# IT-TEMPJU U L-FIGURA TA' ĠESÙ FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Rev Prof Martin Micallef***

L-Evanġelju skont San Ġwann jippreżentalna lil Ġesù bħala t-Tempju l-ġdid ta' Alla, tema Kristoloġika programmatika li nsibuha mferrxa man-narrattiva ta' dan l-Evanġelju. Qed nitkellmu minn aspett tal-Kristoloġija li mhuwiex nieqes mill-kumplament tat-Testment il-Ġdid,[1] għalkemm l-Evanġelju skont San Ġwann joffri żvilupp aktar sistematiku ta' din it-tema. Dan jagħmlu permezz ta' serje ta' allużjonijiet testwali li nsibu f'numru ta' rakkonti fejn il-*Logos* inkarnat huwa muri bħala "il-post" privileġġjat għal-laqgħa bejn Alla u l-poplu tiegħu.[2] F'dan l-istudju sejrin inħarsu lejn din it-tema li tgħinna nifhmu aktar il-mod kif ir-Raba' Evanġelista fehem il-persuna ta' Ġesù f'rabta mat-Tempju. Dan sejrin nagħmluh billi se nikkonċentraw fuq l-episodju ta' meta Ġesù daħal fit-Tempju u hemmhekk sab numru ta' bejjiegħa, filwaqt li sfida lil dawk preżenti biex iħottu t-Tempju u jwegħedhom li jibnih fi tlitt ijiem.

## Minn Santwarju tal-Ġebel għal Santwarju Uman

L-episodju ta' Ġesù fit-Tempju, li nsibuh irrakkuntat kemm fl-Evanġelji Sinottiċi, kif ukoll fl-Evanġelju skont San Ġwann,[3] bla dubju ta' xejn huwa wieħed mill-aktar testi importanti sabiex nifhmu t-teoloġija tar-Raba' Evanġelista. Fl-istudju tagħha dwar dan is-suġġett, Mary L. Coloe, turina kif it-Tempju ma kienx biss simbolu fost il-ħafna simboli oħra li uża dan l-Evanġelista sabiex jesprimi min hu Ġesù. Minflok Coloe issejjaħ it-Tempju bħala "is-" simbolu per eċċellenza li jirrappreżenta l-post fejn jgħammar Alla, u allura s-simbolu li jurina r-rwol ġdid ta' Kristu bħala l-post tal-preżenza ta' Alla fostna l-bnedmin.[4]

Il-mod mela, kif l-Evanġelista San Ġwann jitkellem fuq it-Tempju f'rabta mal-persuna ta' Ġesù jurina evoluzzjoni teoloġika fil-ħsieb ta' dan l-Evanġelista li minn santwarju tal-ġebel jgħaddi biex jorbot it-Tempju mal-persuna ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla. Dan kollu jsib l-għeruq storiċi tiegħu fl-istorja ta' Israel, fejn diġà l-membri tal-komunità ta' Qumran, magħrufa bħala l-Esseni, kienu jqisu lilhom infushom bħala bini spiritwali, f'kuntrast mal-bini tat-Tempju ta' Ġerusalemm.[5]

It-test ewlieni fl-Evanġelju skont San Ġwann li jippreżentalna lil Ġesù f'rabta mat-Tempju, hu dak li fih naqraw kif Ġesù keċċa l-bejjiegħa mit-Tempju.[6] M'hemmx qbil bejn l-istudjużi dwar meta setgħet seħħet din il-ġrajja, jekk hux fil-bidunett tal-ministeru ta' Ġesù bħalma jurina San Ġwann, jew inkella fl-aħħarnett bħalma naqraw fl-Evanġelji Sinottiċi.[7] Aktar minn hekk, l-edizzjoni ta' din il-ġrajja kif insibuha fl-Evanġelju skont San Ġwann, tvarja minn kif insibuha rrakkuntata fl-Evanġelji Sinottiċi. Dan minħabba li San Ġwann jorbot din il-ġrajja ma' skopijiet teoloġiċi, hekk kif dan jurina lil Ġesù bħala l-post il-ġdid fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu, tema li tkompli tiżviluppa matul l-Evanġelju kollu.[8]

Tajjeb qabel xejn iżda, li naraw l-użu tal-lingwaġġ li juża dan l-Evanġelista fir-rigward tat-Tempju f'dan l-episodju. Fi Ġw 2:13-22, l-Evanġelista jagħmel użu doppju tal-kelma "Tempju" (bil-Grieg: *hieron*)[9] u tliet darbiet tal-kelma "Santwarju" (bil-Grieg: *naos*).[10] Il-motif tat-Tempju jerġa' jitfaċċa fid-djalogu bejn Ġesù u l-mara Samaritana,[11] fejn jissemma "il-post" (bil-Grieg: *topos*)[12] b'referenza għat-Tempju li kien jinsab Ġerusalemm.

Il-kontestwalizazzjoni tal-festa tal-Għid li fiha r-Raba' Evanġelista jambjenta din il-ġrajja,[13] huwa fi qbil ma' dak li naqraw fl-Evanġelji Sinottiċi meta jippreżentaw din l-istess ġrajja bħala waħda li seħħet qrib il-festa tal-Għid. Għall-Evanġelista San Ġwann, bħalma naqraw ukoll f'San Mark u f'San Mattew,[14] din hija l-ewwel darba li Ġesù jidħol fit-

Tempju (bil-Grieg: *hieron*), u naqraw kif huwa "sab" (bil-Grieg: *heuren*)[15] "min qiegħed ibigħ barrin, ngħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus."[16] Huma tlieta l-annimali li jissemmew hawnhekk: barrin, ngħaġ u ħamiem, l-istess annimali li kienu jintużaw għas-sagrifiċċji tal-Lhud. B'reazzjoni, Ġesù jagħmel ġest mill-aktar drammatiku meta "għamel sawt (bil-Grieg: *phragellion*) mill-ħbula (bil-Grieg: *schoinion*)"[17] u bih keċċa 'l barra mit-Tempju lill-bejjiegħa "bin-ngħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed."[18] Tliet azzjonijiet li jsegwu lil xulxin. Imbagħad inkomplu naqraw kif "lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: 'Warrbu dawn minn hawn u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!'"[19] Fi kliem Ġesù nistgħu ninnutaw il-kuntrast bejn "*id-dar* (bil-Grieg: *oikos*) tal-*Missier* (bil-Grieg: *tou patros*), u "id-dar tan-*negozju* (bil-Grieg: *emporiou*)." Ġesù jagħmel dan bil-qawwa li kellu bħala "l-Iben" ta' dan il-Missier. Fil-fatt, hawnhekk għandna l-ewwel użu tal-kelma "Missieri" fuq fomm Ġesù li nsibu f'dan l-Evanġelju.[20]

F'differenza għal din l-istess ġrajja kif insibuha rrakkuntata fl-Evanġelji Sinottiċi, il-kelma ta' Ġesù fi Ġw 2:16 ma jidhirx li qed tagħmel referenza għal xi test mill-Iskrittura.[21] L-intervent ta' Ġesù fit-Tempju ma sarx biex hu jafferma xi test mill-Iskrittura li jitkellem fuq it-Tempju, imma pjuttost biex juri li t-Tempju huwa d-dar ta' 'Alla', li Ġesù jsejjaħlu "Missieri."

## Il-Ħeġġa għad-Dar tal-Missier

Huwa fit-tieni parti tar-rakkont, jiġifieri fil-vers 17 li nsiru nafu li d-dixxipli kienu preżenti ma' Ġesù f'din il-ġrajja. Hawnhekk naqraw hekk: "Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, 'Il-ħeġġa għal darek fnietni.'" Il-kelma "ftakru" (bil-Grieg: *emnesthesan*) hija waħda mill-aktar sinifikattiva f'dan l-Evanġelju hekk kif din il-kelma għandha konnotazzjoni mal-Paraklitu.[22] Dak li d-dixxipli "ftakru" huwa l-kliem tal-Iskrittura, f'referenza għas-Salm 68:10 li issa jiġi applikat għal Ġesù.[23] Filwaqt li jikkwota minn dan is-Salm, ir-Raba' Evanġelista jbiddel il-forma grammatikali tal-verb "fnietni" (bil-Grieg: *katephagetai*) mill-passat għall-futur.[24] Xi studjużi jżommu li din il-bidla għandna nqisuha f'referenza għall-waqt ta' meta nkiteb dan is-Salm. F'dan il-każ, l-Evanġelista kien qed ifisser li dak li għas-Salmista kienet xi ħaġa li kellha sseħħ fil-futur, fil-fatt kienet qed isseħħ issa.[25] Studjużi oħra iżda, jargumentaw li l-użu tal-futur tal-verb "fnietni" jqiegħed dak li Ġesù għamel fit-Tempju f'rabta ma' xi ħaġa li kienet għad trid isseħħ, jiġifieri il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib. F'dan il-każ, il-mewt li Ġesù kellu jesperjenza aktar tard tiġi interpretata hawn bħala "ħeġġa" għad-dar tal-Missier.[26]

## Il-Kontroversja fuq it-Tempju

Dan il-ġest ta' Ġesù fit-Tempju qajjem ir-reazzjoni tal-"Lhud."[27] "X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?"[28] Bħala tweġiba għal dan, Ġesù jisfidahom: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' nibnih."[29] F'din it-tweġiba, ninnutaw żewġ movimenti kontra xulxin: "ħottu" (bil-Grieg: *lysate*) u "nerġa' nibnih/inqajmu" (bil-Grieg: *egero*).[30] Dan kollu hu muri fi qbil mal-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju, jiġifieri, il-fatt li Ġesù jafferma li se jkun Huwa stess li jerġa' jqajjem dan it-Tempju, spjegat lilna mill-Evanġelista bħala "it-Tempju tal-ġisem tiegħu."[31] Hekk ukoll naqraw fi Ġw 10:7-18, fejn Ġesù hu s-suġġett tal-azzjonijiet marbuta mal-qawmien tiegħu.[32] Ġesù jiġi muri lilna mill-Evanġelista San Ġwann bħala dak li kien qed jaġixxi f'kontinwità mat-tradizzjoni

profetika, li tħabbar bidla radikali tal-qima Lhudija u l-qerda tat-Tempju.[33]

'Il-Lhud' iżda ma fehmux dan il-kliem ta' Ġesù,[34] tant illi b'ton sarkastiku weġbuh: "Dan it-Tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?"[35] Ninnutaw hawn l-inklużjoni tal-kelma "Inti" b'mod, illi huma ma kinux lesti li jirrikonoxxu dak li Ġesù kien lest jagħmel.[36] Huwa hawn fejn l-Evanġelista jidħol jagħmel parti mir-rakkont billi lill-qarrej jispjegalu: "Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu."[37] Għar-Raba' Evanġelista, il-Ġisem ta' Ġesù hu t-Tempju l-ġdid li fih dehret "il-glorja" ta' Alla, kif naqraw fil-Prologu fejn l-Inkarnazzjoni tal-*Logos* hija deskritta permezz tal-verb "waqqaf l-għarix"/"waqqaf it-tinda" (bil-Grieg: *skenoo*).[38] L-użu ta' dan il-verb jidwi ix-xbieha tal-post qaddis li l-poplu ta' Israel waqqfu fid-deżert, u li fih Alla kien jgħammar fost il-poplu tiegħu.[39]

Nistgħu ngħidu għalhekk, li fil-bażi ta' dawn il-kuntatti mat-Testment il-Qadim,[40] ir-Raba' Evanġelista bena xbieha tal-*Logos* bħala l-post (bil-Grieg: *topos*) li fih tgħammar il-glorja (bil-Grieg: *doxa*),[41] li fit-Testment il-Qadim tirreferi għall-manifestazzjoni viżibbli tad-divin, u li ħafna drabi hija marbuta mat-Tempju.[42] B'dan l-isfond nistgħu nifhmu kif fil-Prologu, l-Evanġelista San Ġwann jiddikjara b'mod mill-aktar solenni li l-*Logos* inkarnat "fostna" huwa is-santwarju l-ġdid li fih dehret "il-glorja" tal-Iben Waħdieni.[43]

Bosta studjużi jgħaqqdu Ġw 1:14 ma' Ġw 1:45-51, silta li tkompli tħejjina għat-tema ta' Ġesù bħala t-Tempju l-ġdid ta' Alla. Fid-djalogu bejn Ġesù u Natanjel, Ġesù jiddikjara: "Tassew, tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ, u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq bin il-bniedem."[44] L-isfond ta' dan il-kliem jidher li hu l-ħolma li Ġakobb kellu f'Betel, meta "ra sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli telgħin u niżlin miegħu."[45] Hemm diversi tradizzjonijiet rabbiniċi dwar kif ġie interpretat dan it-test marbut mas-santwarju f'Betel. Xi wħud minn dawn it-tradizzjonijiet jidher li kellhom influwenza fuq ir-Raba' Evanġelista għall-mod kif dan ippreżenta lil-*Logos* Inkarnat bħala l-post il-ġdid li fih jiltaqgħu Alla u l-bniedem: Ġesù huwa tassew Betel – id-dar ta' Alla.[46]

L-Evanġelista San Ġwann jikkonkludi l-episodju b'nota li biha jagħtina l-impressjoni li n-narrattiva li ħallielna hija waħda ritrospettiva, jiġifieri narrattiva li tibda mill-qawmien ta' Kristu u tħares lura lejn il-ħajja ta' Ġesù u mhux bil-maqlub.


*Mudell tat-Tieni Tempju. Israeli Museum, Gerusalemm*

Hekk naqraw fil-vers 22: "Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dak li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù."

## Sostituzzjoni tat-Tempju?

Kif se nevalwaw dan kollu? L-istudjużi ma jaqblux bejniethom. Hemm dawk li jżommu li permezz ta' dan l-episodju u oħrajn miegħu, ir-Raba' Evanġelista jinqeda b'dan is-simbolu Lhudi, jiġifieri it-Tempju, biex jistieden lill-qarrejja tiegħu ħalli jabbandunaw dak li kien jimmarka l-identità Lhudija ta' żmienu, inkluż il-bini tat-Tempju.[47] Hemm oħrajn li huma aktar moderati fil-ħsieb tagħhom[48] u li jargumentaw kif il-fatt li r-Raba' Evanġelista mexxa dan l-episodju għal bidunett tal-ħajja pubblika ta' Ġesù u tah interpretazzjoni oħra minn dik li nsibu fis-Sinottiċi jifforma parti mill-pjan ta' dan l-Evanġelista. B'dan kollu, l-Evanġelista jgħaqqad dan l-episodju ma' dak ta' qablu, jiġifieri l-episodju tat-tieġ f'Kana, li flimkien joffru daħla doppja għall-preżentazzjoni tal-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju fejn Ġesù hu muri lill-qarrej bħala 'għarus' u bħala dak li wettaq l-Istituzzjonijiet Lhud. Għalhekk aktar milli jurina dan l-episodju bħala xi attakk polemikuż kontra s-sistemi tas-sagrifiċċji jew tradizzjonijiet oħra Lhud, "il-ħeġġa" ta' Ġesù għad-dar ta' Missieru hija att qawwi li bih iddefinixxa lilu nnifsu u pprovoka l-udjenza Lhudija tiegħu lejn mod ġdid kif kellhom iqisu kategoriji qodma u inadegwati. F'kelma oħra, it-Tempju bħala simbolu tal-preżenza ta' Alla, mhuwiex qed jiġi mwarrab minn dan l-Evanġelista. Minflok l-Evanġelista San Ġwann jinterpreta s-simbolu tat-Tempju permezz ta' Kristoloġija li tippreżenta l-qawmien ta' ġisem ta' Kristu bħala t-Tempju l-ġdid ta' Alla.

## Referenzi

1 L-identifikazzjoni ta' Ġesù mat-Tempju, li t-traċċi tagħha diġà nisbuhom fl-Evanġelji Sinottiċi, hija elaborata u tirrappreżenta xi ħaġa ġdida fil-Ktieb tal-Apokalissi, fejn it-Tempju, minbarra li jservi ta' xbieha biex jiddeskrivi l-post fejn jgħammar Alla (ara Apok 11:19; 14:17; 15:5.6.8; 16:1.17), jikkonserva t-tifsira doppja tal-kumplament tat-Testment il-Ġdid: ekkleżjali (Apok 3:12; 11:1-4), u teoloġika-kristoloġika (Apok 21:22). Dwar dawn it-testi ara, Edmondo F. Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John* (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1999). Hekk ukoll fl-Ittra lil-Lhud, fil-Kapitlu 9, l-awtur joffri paragun bejn il-festa tal-*Yom kippur* u s-sagrifiċċju ta' Kristu. Ir-rit antik Lhudi kien iservi biex iħabbar il-maħfra tad-dnubiet. Din l-Ittra iżda turina kif il-maħfra tad-dnubiet vera seħħet fi Kristu bħala s-saċerdot tal-patt il-ġdid, li seta' jidħol fis-santwarju tas-sema permezz tat-'tinda' li hi l-ġisem tiegħu stess. Dwar dan ara, Barnabas Lindars, *The Theology of the Letter to the Hebrews*. New Testament Theology (Cambridge: Cambridge University Press, 1991).

2 Ara Giovanni Bissoli, *Il Tempio nella letteratura giudaica e neotestamentaria* (Jerusalem: Franciscan Press, 1994), 117-119; Francesco Piazzolla, *Il Cristo di Giovanni: Titoli di Gesù nel quarto Vangelo* (Bologna: EDB, 2018), 43-65.

3 Ara Mk 11:15-17; Mt 21:12-13; Lk 19:45-46; Ġw 2:13-22.

4 Ara Mary L. Coloe, *God Dwells With Us. Temple Symbolism in the Fourth Gospel* (Collegeville/MN: The Liturgical Press, 2001); J. McCaffrey, *The House with Many Rooms. The Temple Theme of Jn. 14.2-3.* Analecta Biblica 114 (Rome: PIB: 1988).

5 Ara 4Q 174 III, 6; 4Q 403, 41. Din l-idea ta' komunità, bħala tempju ġdid, issib l-espressjoni tagħha wkoll fit-teoloġija ta' San Pawl. Ara per eżempju,

1 Kor 3:17; 2 Kor 6:16; Efes 2:19-22.

6 Ara Ġw 2:13-22.

7 C.K. Barrett, *The Gospel according to St John: An Introduction with Commentary and Notes on the Greek Text,* 2nd edn (London: SPCK, 1978), 162-164; Raymond E. Brown, *The Gospel according to John* (New York: Doubleday, 1966), 1:118, huma fost dawk l-istudjużi favur l-istoriċità tal-pożizzjoni ta' dan l-episodju kif insibuh fl-Evanġelji Sinottiċi, jiġifieri lejn l-aħħar tal-ħajja ta' Ġesù, hekk kif din il-ġrajja waslet għall-mewt ta' Ġesù.

8 Dwar dan ara l-kummentarju ta' Margaret Barker, *King of the Jews. Temple Theology in John's Gospel* (London: SPCK, 2014). Ara wkoll, Coloe, *God Dwells with Us*.

9 Ara Ġw 2:14.15. L-Evanġelista San Ġwann jagħmel 8 referenzi oħra għall-bini tat-Tempju (bil-Grieg: *hieron)* f'siltiet oħra (jekk neskludu Ġw 8:2). It-Tempju f'dan l-Evanġelju jissemma bħala l-post li fih Ġesù kien jgħallem (ara Ġw 7:14.28; 8:2.20; 10:23). Interessanti hawn ninnutaw kif meta Ġesù nnifsu wieġeb lill-qassis il-kbir li kien qed jistaqsih dwar it-tagħlim tiegħu, huwa jwieġbu hekk: "Jiena tħaddittfil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagoga u *fit-Tempju* fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn" (Ġw 18:20). It-Tempju huwa wkoll il-post li fih Ġesù kien ikun (ara Ġw 5:14; 8:59; 10:23), tant li fi Ġw 11:55-56 naqraw kif "ħafna" – li kienu fit-Tempju – bdew jistaqsu jekk Ġesù jmurx għall-festa. Kemm il-Kapitlu 5 (ara Ġw 5:1), kif ukoll il-Kapitli 7 sa 8 (ara Ġw 7:14.28; 8:20.59) jambjentaw ruħhom fil-bini tat-Tempju; l-episodju tad-Dedikazzjoni tat-Tempju (ara Ġw 10:22-39) jiżvolġi wkoll fit-Tempju (ara Ġw 10:23).

10 Ara Ġw 2:19.20.21. Din il-kelma tintuża hawn biss fir-Raba' Evanġelju b'referenza għall-bini tas-Santwarju tat-Tempju.

11 Ara Ġw 4:20-26.

12 Ara Ġw 4:20.

13 Ir-referenza għall-festa tal-Għid hawnhekk hija waħda importanti hekk kif din isservi biex tinkwadra is-sezzjoni minn Ġw 2:12 sa Ġw 2:23. Flimkien mar-referenza għall-aħħar festa tal-Għid (ara Ġw 13:1; 18:28; 19:14), din ir-referenza għall-festa tal-Għid fi Ġw 2:13 isservi wkoll biex tinkwadra l-ministeru ta' Ġesù kif inhu muri lilna f'dan l-Evanġelju. Fuq kollox, ir-Raba' Evanġelista jgħaqqad b'mod sistematiku lil Ġerusalemm, it-Tempju u l-kuntest ta' festi meta jiġi biex jitkellem fuq il-konfront ta' Ġesù mal-'Lhud.' F'dan is-sens, il-festi tal-'Lhud' li jissemmew, speċjalment dik tal-Għid, iservu sabiex l-awtur ta' dan l-Evanġelju jippreżentalna l-identità ta' Ġesù f'dawl ġdid.

Dwar dan ara, Mark Matson, "The Temple Incident: An Integral Element in the Fourth Gospel's Narrative," in *Jesus in Johannine Tradition,* eds Robert T. Fortna and Tom Thatcher (Louisville/London: Westminster John Knox, 2001), 150-151; Marida Nicolaci, *Egli diceva loro il Padre. I discorsi con i Giudei a Gerusalemme in Giovanni 5-12* (Roma: Città Nuova, 2007), 29-30; B.D. Johnson, " 'Salvation is from the Jews': Judaism in the Gospel of John," in *New Currents Through John. A Global Perspective*, eds Francisco Lozada JR and Tom Thatcher (Atlanta/GA: Society of Biblical Literature, 2006), 95.

14 Mhux hekk iżda nistgħu ngħidu għall-Evanġelju skont San Luqa, fejn fir-rakkonti tat-twelid u tat-tfulija ta' Ġesù, naqraw kif Ġesù kien meħud fit-Tempju mill-ġenituri tiegħu, filwaqt li meta kellu 12-il sena baqa' fit-Tempju jiddiskuti mal-għorrief (ara Lq 2:41-52).

15 Fl-Evanġelju skont San Ġwann, Ġesù hu s-suġġett ta' dan l-istess verb fi 11:17, meta naqraw li Ġesù "sab" li Lazzru kien diġà ilu erbat ijiem fil-qabar.

16 Ġw 2:14.

17 Ġw 2:15. Dan id-dettall

hu nieqes fl-Evanġelji Sinottiċi.

18 Ġw 2:15. Ara wkoll, Mt 21:12; Mk 11:15. Lq 19:45 juża l-kelma bil-Grieg: *polountas* – il-bejjiegħa – mingħajr ma jispeċifika l-annimali. Id-dettall li qalbilhom l-imwejjed insibuh ukoll f'San Mark u f'San Mattew imma mhux f'San Luqa. F'San Mark u f'San Mattew, naqraw ukoll li Ġesù jaqleb ukoll is-siġġijiet li fuqhom kienu joqogħdu il-bejjiegħa tal-ħamiem.

19 Ġw 2:16.

20 S'issa, il-kelma "Missier" intużat fil-Prologu (ara Ġw 1:14.18). Ġesù jerġa' jitkellem "mid-dar tal-Missier" fid-diskors tal-aħħar ċena (ara Ġw 14:2), għalkemm b'differenza żgħira lessikali; fi Ġw 2:16 l-Evanġelista juża l-kelma bil-Grieg: *oikos,* filwaqt li fi Ġw 14:2 juża l-kelma bil-Grieg: *oikia.*

21 Xi kummentarji iżda jżommu li fi Ġw 2:16 għandna referenza għal Żakk 14:21 - "U ma jkunx hemm aktar neguzjanti dakinhar fit-tempju tal-Mulej tal-eżerċti."

22 Ara Ġw 14:26. Dwar dan ara, Maurizio Marcheselli, "Davanti alle Scritture di Israele: Processo esegetico ed ermeneutica credente nel gruppo giovanneo," in *Ricerche Storicho Biblico* 22 (2010): 175-195.

23 Jidher li r-Raba' Evanġelista japplika dan is-Salm għal Ġesù mhux biss hawn, imma wkoll fi Ġw 15:25 fejn jikkwota Salm 68:5 (jew forsi Salm 35:19?) u fi Ġw 19:29-30, li aktarx tagħmel referenza għal Salm 68:22.

24 Dwar dan ara l-kummenti ta' Maarten J.J. Menken, *Old Testament Quotations in the Fourth Gospel. Studies in Textual Form.* Contributions to Biblical Exegesis and Theology 15 (Kampen: Pharos, 1996), 45.

25 Ara per eżempju, Edwin D. Freed, *Old Testament Quotations in the Gospel of John.* Novum Testamentum, Supplements 11 (Leiden: Brill, 1965), 10.

26 Ara Maurizio Marcheselli, "Il motivo del tempio in Gv 2-4. Un sondaggio su un punto sensibile della *ipotetica* teologica sostitutiva del quarto Vangelo," in *Israele e Chiesa nel Vangelo di Giovanni. Compimento, reinterpretazione, sostituzione?* (Bologna: EDB, 2016), 43-44.

27 Din hija l-ewwel referenza għal-'Lhud' li nsibu f'dan l-Evanġelju, tema importanti ħafna f'dan l-Evanġelju li ġiet studjata minn diversi perspettivi u minn diversi studjużi.

28 Ġw 2:18. Din hija l-istess talba li nsibu fi Ġw 6:30, fejn il-folla tistaqsi lil Ġesù: "X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnuk? X'sejjer tagħmel?"

29 Ġw 2:19. Din it-tweġiba ta' Ġesù ma nsibuhiex fl-Evanġelji Sinottiċi, għalkemm dan l-istess kliem jiġi ippreżentat bħala l-kontenut tal-akkuża kontra Ġesù matul il-proċess reliġjuż kontra tiegħu (ara l-akkużi tax-xhieda foloż f'Mt 26:61; Mk 14:58), kif ukoll waqt li Ġesù kien imsallab fuq is-salib (ara l-akkużi tax-xhieda foloz f'Mt 27:40; Mk 15:29).

30 Il-verb *egeiro* huwa użat f'rabta mal-qawmien ta' Kristu fir-rakkonti tal-qawmien (ara Mt 28:7; Mk 16:6.14; Lq 24:34; Ġw 21:14), u fil-predikazzjoni tal-appostli (ara per eżempju, Atti 3:15; 4:10; 5:30; 10:40; 13:30.37; Rum 4:24; 6:4-9).

31 Ġw 2:21.

32 Dan l-aspett fil-Kristoloġija ta' San Ġwann ivarja ħafna mill-formuli l-aktar antiki tat-Testment il-Ġdid fir-rigward tal-qawmien ta' Ġesù, fejn tintuża l-forma passiva tal-verb biex l-awturi sagri jesprimu l-qawmien ta' Ġesù bħala azzjoni magħmula minn Alla.

33 Ara Ġer 7:14; 26:6.18 fejn insibu t-tħabbira tat-Tempju waqt l-invażjoni ta' Nabukadonosor.

34 Bħal f'postijiet oħra fir-Raba' Evanġelju, ninnutaw kif Ġesù jitkellem fuq livell,

filwaqt li dawk li kienu qed jitkellmu miegħu jifhmu kliemu fuq livell ieħor. Hekk jiġri pereżempju ma' Nikodemu meta Ġesù stiednu sabiex jitwieled mill-ġdid/mill-għoli (ara Ġw 3:5); u mal-mara Samaritana, meta Ġesù wegħdha ilma li jaqta l-għatx (ara Ġw 4:14).

35 Ġw 2:20. Dwar kif inbena dan it-Tempju u kif kien imqassam ara, Pino di Luccio, *La Parola di Dio e il tempo della Salvezza. Il vangelo secondo Giovanni e il suo contesto* (Rome: GBP, 2021), 27-45.

36 Dwar dan ara, X. Léon-Dufour, *Lettura dell'Evangelo secondo Giovanni,* 2nd edn (Cinisello Balsamo: San Paolo, 2007), 238.

37 Ġw 2:21.

38 Ġw 1:14.

39 Ara per eżempju, Num 35:34; Ġoż 22:19. L-użu tal-kelma *skenoo,* teħodna lura wkoll għall-eloġju lill-Għerf kif naqraw f'Sir 23, fejn il-figura personifikata tal-Għerf (bil-Grieg: *Sophia*) hija l-ewwel marbuta mal-ħolqien (ara Sir 24:3-7), sakemm l-Għerf innifsu jiddikjara fuqu stess: "Il-Ħallieq ta' kollox tani ordni, u dak li ħalaqni għażel post *għall-għarix* (bil-Grieg: *skene)* tiegħi, u qalli: '*Tella' l-għarix* (bil-Grieg: *kataskenoo)* f'Ġakobb, u iret sehmek f'Iżrael" (Sir 24:8).

40 Illum ħafna mill-istudjużi tar-Raba' Evanġelju jaqblu li l-isfond ewlieni ta' dan l-Evanġelju huwa t-Testment il-Qadim u t-tradizzjonijiet Lhud marbuta miegħu. Din il-pożizzjoni kompliet tissaħħaħ wara l-iskoperta tad-dokumenti ta' Qumran. Dwar dan ara per eżempju l-istudji, f'James H. Charlesworth, *Jesus as Mirrored in John. The Genius in the New Testament* (London/New York: T&T Clark, 2020).

41 Ara Ġw 1:14. Dwar dan kompli aqra l-istudju ta' Charles H. Talbert, *Reading John. A Literary and Theological Commentary on the Fourth Gospel and the Johannine Epistles* (Georgia: Smyth & Helwys, 2005), 69-82.

42 Ara per eżempju, Num 16:19; 1 Slat 8:11; 2 Cron 5:14; 7:1-3; Isa 6:1-3. Dwar dan ara l-kumment ta' Santi Grasso, *Il Vangelo di Giovanni: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova, 2008), 56.

43 Ara Ġw 1:14. Ara wkoll il-kummenti ta' Craig S. Keener, *The Gospel of John. A Commentary* (Grand Rapids/MI: Baker Academic, 2003), 1:408-410.

44 Ġw 1:51.

45 Ġen 28:12.

46 Għal studji li jagħmlu referenza għar-rabta bejn Ġesù u l-postijiet qaddisa ara, C.K., Barrett, "Old Testament in the Fourth Gospel," *Journal of Theological Studies* 48, n.191-192 (July 1947): 160; William D. Davies, *The Gospel and the Land: Early Christianity and Jewish Territorial Doctrine* (Berkeley: University of California Press, 1974), 299-300.

47 Ara per eżempju, Raimo Hakola, *Identity Matters. John, the Jews and Jewishness* (Leiden: Brill, 2005). Ara wkoll l-istudji ta' Richard Bauckham, "Jesus' Demonstration in the Temple," in *Law and Religion. Essays on the Place of the Law in Israel and Early Christiantiy,* ed. Barnabas Lindars (Cambridge: James Clark, 1988), 72-89; Craig A. Evans, "Jesus' Action in the Temple: Cleansing or Portent of Destruction?" in *Catholic Biblical Quarterly* 51 (1989): 237-270.

48 Ara per eżempju, Annalisa Guida, "Tra segno ed evento. L'episodio del tempio nel Vangelo di Giovanni," in *Giovanni e il giudaismo. Luoghi, tempi, protagonisti.* Oi Christianoi 11 (Napoli: Il Pozzo di Giacobbe, 2010), 75-88.

# GRAZZI LIS-SUR TONIO FARRUGIA

***Twanny Chircop OFM – Kummissarju tal-Art Imqaddsa***

Għal dawn l-aħħar għoxrin sena l-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta sab kollaboratur fidil fil-persuna tas-Sur Tonio Farrugia. Meta ssemmi lil Tonio Farrugia inti tkun qed titkellem fuq raġel dinamiku u mimli enerġija, li iddedika parti kbira minn ħajtu għall-missjoni tal-Art Imqaddsa. F'dawn l-aħħar xhur, minħabba raġunijiet ta' saħħa, Tonio kellu jirtira mix-xogħol tiegħu u jkun rikoverat fil-Porziuncola by Golden Care f'Baħar iċ-Ċagħaq, biex jirċievi kura speċjalizzata.

F'ismi u f'isem il-Provinċja Franġiskana tal-Patrijiet Minuri, nixtieq nirringrazzja lil Tonio tal-ħidma tiegħu siekta u bla taqta' matul dawn is-snin. Kull filgħodu Tonio kien jinżel mir-Rabat għall-uffiċċju tal-Kummissarjat fil-kunvent tal-Belt Valletta. Kien joffri nofs ta' nhar xogħol volontarju li kien jikkomprendi l-kura ta' din ir-Rivista Biblika u l-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa. Mhux biss dan, għax lil Tonio kont insibu disponibbli għal ħafna ħidma oħra ta' amministrazzjoni u organizzazzjoni. Kienet ħidma li issa qed titkompla minn voluntiera u patrijiet oħrajn, imma li tibqa' apprezzata minħabba d-dedikazzjoni speċjali li Tonio kellu lejn l-impenn tiegħu.

Tonio kien kollaboratur kbir mhux biss tal-Kummissarjat, imma wkoll tal-istess Kustodja tal-Art Imqaddsa. Hu kien jakkumpanja lill-mibki Patri Ġwann Abela diversi sjuf meta kien imur għall-kampanji ta' skavi arkeoloġiċi fil-Ġordanja, fuq il-Muntanja Nebo, taħt id-direzzjoni tal-mibki arkeologu Franġiskan Patri Michele Piccirillo. Tonio kien strumentali biex jittraduċi diversi pubblikazzjonijiet li jirrigwardaw l-iskavi arkeoloġiċi mit-Taljan għall-Ingliż.

Fl-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġi, partikularment fil-mumenti li fihom kellna bosta gruppi qabel l-inkwiet ta' dawn l-aħħar sentejn, Tonio kien l-id il-leminija tiegħi biex nieħdu ħsieb it-teknikalitajiet kollha ta' kull pellegrinaġġ. Kien saħansitra jakkumpanja lill-pellegrini fl-ajruport qabel jitlaq kull grupp biex ikun żgur li kollox jimxi sew. Meta kien ikollna gruppi kbar kien jakkumpanjana personalment u dejjem ikun disponibbli biex jieħu ħsieb li kollox ikun organizzat fil-post. Kien strumentali fl-organizzazzjoni taż-żjarat ta' żewġ Kustodji tal-Art Imqaddsa f'Malta, jiġifieri Patri Pierbattista Pizzaballa u Patri Francesco Patton. Diversi drabi ħa sehem miegħi jew mal-kollaboraturi tiegħi fil-laqgħat annwali tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa tal-grupp tal-Lingwa Taljana, u kien ukoll strumentali meta organizzajna din il-laqgħa f'Malta xi ftit tas-snin ilu.

Fuq kollox Tonio kien strumentali biex din ir-Rivista



setgħet tkompli tiġi pubblikata regolarment. Ix-xogħol tiegħu issa jrid jitqassam bejn diversi persuni u jalla nkunu nistgħu nkomplu noħorġu dan l-istrument hekk utli għat-tagħlim Bibliku u għall-informazzjoni dwar l-Art Imqaddsa.

F'isem ħuti l-patrijiet li jgħinuni fix-xogħol tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, f'isem il-benefatturi kollha u l-ħbieb tal-Art Imqaddsa, nirringrazzja lil Tonio tal-ħidma tiegħu u tad-dedikazzjoni li wera lejn l-Art Imqaddsa. Nistieden lill-qarrejja kollha u lill-benefatturi biex nitolbu għal Tonio li issa l-Mulej qed jitolbu jerfa' s-salib tal-mard, imma fl-istess ħin mingħajr ma jnaqqas fih il-ħeġġa lejn l-impenn ta' qaddej fidil u għaqli. Il-Mulej biss jista' jħallsu kif jaf hu bħala benefattur ewlieni tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta.







Għall-booking u dettalji, ikkuntattja lil: **KUMMISSARJAT TAL-ART IMQADDSA**
8, Triq Santa Luċija, Valletta VLT 1213 Tel: 21242254 Email:comaltart2023@gmail.com
Ħin tal-Uffiċċju: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8:30 sal-11:30



*Il-Bazilika tat-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor*

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt